




European Securities and  
Markets Authority

# Linji Gwida

Dwar ir-rekwiżiti ta' żvelar taħt ir-Regolament dwar il-Prospett



## Werrej

I. AMBITU .....	2
II. REFERENZI LEĠIŻLATTIVI, AKRONIMI U DEFINIZZJONIJIET .....	3
III. SKOP .....	9
IV. OBBLIGI TA' KONFORMITÀ U TA' RAPPURTAR.....	9
V. LINJI GWIDA DWAR L-İZVELAR FIL-PROSPETT.....	10
V.1. INTRODUZZJONI .....	10
V.2. RIEŻAMI OPERATTIV U FINANZJARJU (OFR) .....	10
V.3. RIŻORSI KAPITALI.....	13
V.4. TBASSIR U ESTIMI TAL-PROFITT .....	16
V.5. INFORMAZZJONI FINANZJARJA STORIKA .....	19
V.6. INFORMAZZJONI FINANZJARJA PROFORMA .....	25
V.7. INFORMAZZJONI FINANZJARJA INTERIM .....	35
V.8. DIKJARAZZJONIJIET TAL-KAPITAL OPERATORJU.....	36
V.9. KAPITALIZZAZZJONI U DEJN .....	43
V.10. REMUNERAZZJONI .....	48
V.11. TRANŻAZZJONIJIET TA' PARTIJIET RELATATI .....	49
V.12. DRITTIJET TAL-AKKWIST U IMPENJI GħAŻ-ŻIEDA TAL-KAPITAL.....	50
V.13. FTEHIMIET DWAR L-OPZJONIJIET .....	51
V.14. L-ISTORJA TAL-KAPITAL AZZJONARJU.....	52
V.15. DESKRIZZJONI TAD-DRITTIJET MARBUTA MAL-ISHMA TAL-EMITTENT .....	52
V.16. DIKJARAZZJONIJIET MINN ESPERTI .....	53
V.17. INFORMAZZJONI DWAR IL-PARTEĊIPAZZJONIJIET .....	54
V.18. INTERESS TA' PERSUNI FIŻIĊI U ġURIDIĊI INVOLUTI FIL-ĦRUġ / FL-OFFERTA.....	56
V.19. IMPRIŻI TA' INVESTIMENT KOLLETTIV .....	56

## I. Ambitu

### Min?

1. Dawn il-Linji Gwida japplikaw għall-awtoritajiet kompetenti kif definit fir-Regolament dwar il-Prospett u għall-parteċipanti tas-suq, inklużi l-persuni responsabbi minn prospett skont l-Artikolu 11(1) tar-Regolament dwar il-Prospett.

### X'inhu?

2. L-iskop ta' dawn il-Linji Gwida huwa li l-parteċipanti fis-suq jiġu megħejjuna jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' żvelar stabbiliti fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni u biex titjieb il-konsistenza fl-Unjoni kollha b'mod li jiġu mifhuma l-Annessi għar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni. Il-Linji Gwida tfasslu skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament ESMA.

### Meta?

3. Dawn il-Linji Gwida japplikaw minn xahrejn wara d-data tal-pubblikazzjoni tagħhom fuq is-sit web tal-ESMA fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE.

## II. Referenzi leġiżlattivi, akronimi u definizzjonijiet

### Referenzi leġiżlattivi

Regolament Delegat tal-Kummissjoni / Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/980	Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/980 tal-14 ta' Marzu 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/1129 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-format, il-kontenut, l-iskrutinju u l-approvazzjoni tal-prospett li għandu jiġi ppubblikat meta titoli jiġu offruti lill-pubbliku jew jiġu ammessi għall-kummerċ f'suq regolat, u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 809/2004 <sup>1</sup>
Ir-Regolament dwar Prospett	Ir-Regolament (UE) 2017/1129 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2017 dwar il-prospett li għandu jiġi ppubblikat meta titoli jiġu offruti lill-pubbliku jew jiġu ammessi għall-kummerċ f'suq regolat, u li jħassar id-Direttiva 2003/71/KE <sup>2</sup>
Ir-Regolament ESMA	Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE <sup>3</sup> , kif emendat bir-Regolament (UE) 2019/2175 <sup>4</sup>
Id-Direttiva dwar Kontabilità	Id-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji kkonsolidati u rapporti relatati ta' ċerti tipi ta' impriżi, u li temenda d-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tkhassar id-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE <sup>5</sup>
Ir-Regolament UE 1606/2002	Ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Lulju 2002 rigward l-applikazzjoni ta' standards internazzjonali tal-kontabilità <sup>6</sup>
Id-Direttiva dwar l-Awditjar	Id-Direttiva 2014/56/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li temenda d-Direttiva 2006/43/KE dwar

<sup>1</sup> ĠU L 166, 21.6.2019, p. 26–176.

<sup>2</sup> ĠU L 168, 30.06.2017, p. 12-82.

<sup>3</sup> ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84-119.

<sup>4</sup> ĠU L 334, 27.12.2019, p. 1-145.

<sup>5</sup> ĠU L 182, 29.06.2013, p. 19-76.

<sup>6</sup> ĠU L 243, 11.09.2002, p. 1-4.

il-verifikasi statutorji tal-kontijiet annwali u tal-kontijiet konsolidati<sup>7</sup>

Ir-Regolament dwar Awditjar	I-	Ir-Regolament (UE) Nru 537/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar rekwiżiti speċifiċi dwar l-awditjar statutorju ta' entitajiet ta' interess pubbliku u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/909/KE <sup>8</sup>
Id-Direttiva dwar Trasparenza	it-	Id-Direttiva 2004/109/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2004 dwar l-armonizzazzjoni tar-rekwiżiti ta' trasparenza f'dak li għandu x'jaqsam ma' informazzjoni dwar emittenti li t-titoli tagħhom huma ammessi għall-kummerċ f-suq regolat u li temenda d-Direttiva 2001/34/KE <sup>9</sup>
Ir-Regolament dwar Rekwiżiti Kapitali	ir-	Ir-Regolament (UE) 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 <sup>10</sup>
Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61		Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61 tal-10 ta' Ottubru 2014 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward ir-rekwiżit ta' kopertura tal-likwidità għall-Istituzzjonijiet ta' Kreditu <sup>11</sup>
Solvibbiltà II		Id-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negożju tal-Assigurazzjoni u tar-Riassigurazzjoni (Solvibbiltà II) <sup>12</sup>
Regolament Implantazzjoni Kummissjoni (UE) 680/2014	ta'	Ir-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 680/2014 tas-16 ta' April 2014 li jistabbilixxi standards tekniċi ta' implementazzjoni fir-rigward tar-rappurtar superviżorju ta' istituzzjonijiet skont ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>13</sup>

<sup>7</sup> ĠU L 158, 27.05.2014, p. 196-226.

<sup>8</sup> ĠU L 158, 27.05.2014, p. 77-112.

<sup>9</sup> ĠU L 390, 31.12.2004, p. 38-57.

<sup>10</sup> ĠU L 176, 27.06.2013, p. 1-337.

<sup>11</sup> ĠU L 11, 17.01.2015, p. 1-36.

<sup>12</sup> ĠU L 335, 17.12.2009, p. 1-155.

<sup>13</sup> ĠU L 191, 28.06.2014, p. 1-1861.

Id-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Azzjonisti / SRD	Id-Direttiva 2007/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2007 dwar l-eżerċizzju ta' ċerti drittijiet tal-azzjonisti ta' kumpaniji kkwotati <sup>14</sup>
Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/961/KE	Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/961/KE tat-12 ta' Diċembru 2008 dwar l-użu, min-naħħa ta' emittenti ta' titoli ta' pajjiżi terzi, tal-istandardi nazzjonali tal-kontabbiltà ta' ċerti pajjiżi terzi u l-istandardi internazzjonali tar-rappurtar finanzjajru biex jippreparaw ir-rapporti finanzjarji konsolidati tagħhom (notifikata taħt id-dokument numru C(2008) 8218 <sup>15</sup>
Ir-Regolament dwar l-SFT	Ir-Regolament (UE) 2015/2365 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar it-trasparenza ta' transazzjonijiet ta' finanzjament tat-titoli u l-użu mill-ġdid u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 <sup>16</sup>

## Akronimi

ESMA	Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq
UE / Unjoni	Unjoni Ewropea
IAS / IFRS	Standards Internazzjonali tal-Kontabilità / Standards Internazzjonali ta' Rapportar Finanzjajru
OFR	Rieżami operattiv u finanzjarju
ESG	Ambjentali, soċjali u ta' governanza
GAAP	Prinċipji tal-Kontabilità Ġeneralment Aċċettati
IPO	Offerta pubblica inizjali
CET 1	Grad 1 ta' Ekwità Komuni
SFT	Tranżazzjonijiet ta' finanzjament tat-titoli

<sup>14</sup> ĠU L 184, 14.07.2007, p. 17-24.

<sup>15</sup> ĠU L 340, 19.12.2008, p. 112-114.

<sup>16</sup> ĠU L 337, 23.12.2015, p. 1-34.

## Definizzjonijiet

L-awtorità kompetenti	Awtorità kompetenti responsabbi mill-approvazzjoni tal-prospetti taħt ir-Regolament dwar il-Prospekk
Anness(i) / Punt tal-Anness	Annessi (skedi ta' żvelar) fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/980
Persuni responsabbi mill-prospett	Il-persuni li jkunu responsabbi mill-informazzjoni fi prospett, jiġifieri, skont il-każ, l-emittent jew il-korpi amministrattivi, ta' ġestjoni jew superviżorji tiegħu, l-offerent, il-persuna li titlob ammissjoni għan-negożju f'suq regolat, jew il-garanti u kwalunkwe persuna oħra responsabbi mill-informazzjoni mogħtija fil-prospett u li tkun identifikata bħala tali fil-prospett
Tbassir tal-profitt	Kif definit fl-Artikolu 1(d) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni
Dokument tar-reġistrazzjoni / Dokument tar-reġistrazzjoni universali	Dokument tar-reġistrazzjoni jew dokument tar-reġistrazzjoni universali kif imsemmi fir-Regolament dwar il-Prospekk
Qafas tal-kontabilità applikabbli / Qafas tal-kontabilità	Għall-fini ta' dawn il-Linji Gwida, kwalunkwe wieħed minn dawn li ġejjin: <ul style="list-style-type: none"> <li>(i) L-Istandards Internazzjonali ta' Rappurtar Finanzjarju (IFRS) kif adottati fl-UE skont ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 rigward l-applikazzjoni ta' standards internazzjonali tal-kontabilità;<sup>17</sup> jew</li> <li>(ii) Prinċipji tal-Kontabilità Ġeneralment Aċċettati (GAAP) Nazzjonali, jiġifieri r-rekwiżiti tal-kontabilità li joħorġu mit-traspożizzjoni tad-Direttivi Ewropej dwar il-Kontabilità fis-sistema legali tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea; jew</li> <li>(iii) Il-GAAP li jistabbilixxu rekwiżiti ekwivalenti skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1569/2007<sup>18</sup> li jistabbilixxi mekkaniżmu għad-determinazzjoni tal-ekwivalenza għall-istandards tal-kontabilità applikati mill-emittenti tal-pajjiż terz ta' titoli skont id-Direttiva 2003/71/KE u 2004/109/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għall-</li> </ul>

<sup>17</sup> ĠU L 243, 11.09.2002, p. 1-4.

<sup>18</sup> ĠU L 340, 22.12.2007, p. 66-68.

	emittenti li jkunu eżentati mir-rekwiżit li jħejju I-IFRS kif approvat fl-UE
Id-Direttivi Ewropej dwar il-Kontabilità	Id-Direttivi dwar il-Kontabilità jirreferu għad-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali, id-Direttiva tal-Kunsill 91/674/KEE dwar il-kontijiet annwali u l-kontijiet konsolidati ta' intrapriżi tal-assigurazzjoni kif ukoll id-Direttiva tal-Kunsill 86/635/KEE dwar il-kontijiet annwali u l-kontijiet konsolidati ta' banek u istituzzjonijiet finanzjarji oħrajn
Suppliment jew emenda	Suppliment jew emenda kif imsemmi fir-Regolament dwar il-Prospett
Stima tal-profitt	Kif definit fl-Artikolu 1(c) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni
Titoli ta' ekwità	Kif definit fl-Artikolu 2(b) tar-Regolament dwar il-Prospett
Impenn finanzjarju sinifikanti	Kif imsemmi fl-Artikolu 18(4) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2019/980
Tibdil gross sinifikanti	Kif definit fl-Artikolu 1(e) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2019/980
Storja finanzjarja kumplessa	Kif imsemmi fl-Artikolu 18(3) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2019/980
Titoli mingħajr ekwità	Kif definit fl-Artikolu 2(c) tar-Regolament dwar il-Prospett
Proporzjon ta' Kopertura tal-Likwidità	Il-proporzjon ta' kopertura tal-likwidità kif definit fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61 tal-10 ta' Ottubru 2014 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward ir-rekwiżit ta' kopertura tal-likwidità għall-Istituzzjonijiet ta' Kreditu.
Rekwiżit Kapitali Minimu	Ir-rekwiżit kapitali minimu kif definit fl-Artikolu 248 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/35 tal-10 ta' Ottubru 2014 li jissupplimenta s-Solvibbiltà II
Proporzjon ta' Finanzjar Stabbli Nett	Il-proporzjon ta' finanzjar stabbli nett kif definit fl-Artikolu 428(b) tar-Regolament (UE) 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar

ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) 648/2012.

Proporzjon kapitali totali / Kif definit fl-Artikolu 92(2)(c) tar-Regolament dwar ir-Rekwiżiti ta' Kreditu.

Qafas tal-kontabilità ekwivalenti / Qafas tal-kontabilità ekwivalenti ta' pajiż terz Ara d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/961/KE

Dikjarazzjoni mill-ġdid ta' informazzjoni finanzjarja Għall-fini ta' dawn il-Linji Gwida, dikjarazzjoni mill-ġdid ta' informazzjoni finanzjarja storika tirreferi għal sitwazzjonijiet meta minħabba l-bidla fil-qafas tal-kontabilità li għandha tiġi applikata mill-emittent fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji tas-sena li jmiss, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji storiċi għandhom jiġu riveduti u ppreżentati skont dan il-qafas ġdid ta' kontabilità.

### III. Skop

4. Dawn il-Linji Gwida huma bbażati fuq l-Artikolu 20(12) tar-Regolament dwar il-Prospett u l-Artikolu 16(1) tar-Regolament ESMA. L-objettiivi ta' dawn il-Linji Gwida huma li jiġu stabbiliti prattiki superviżorji konsistenti, effiċjenti u effettivi fost l-awtoritajiet kompetenti meta qed jivvalutaw il-kompletezza, il-komprensibbiltà u l-konsistenza tal-informazzjoni fil-prospetti kif ukoll biex tiġi żgurata l-applikazzjoni komuni, uniformi u konsistenti tar-rekwiżiti ta' żvelar stabbiliti fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni.

### IV. Obbligi ta' konformità u ta' rappurtar

#### Status tal-Linji Gwida

5. B'konformità mal-Artikolu 16(3) tar-Regolament ESMA, l-awtoritajiet kompetenti u l-parteċipanti fis-swieq finanzjarji għandhom jagħmlu kull sforz sabiex jikkonformaw ma' dawn il-Linji Gwida.
6. L-awtoritajiet kompetenti li għalihom japplikaw dawn il-Linji Gwida għandhom jikkonformaw billi jinkorporawhom fl-oqfsa legali u/jew superviżorji nazzjonali tagħhom kif ikun xieraq, inkluż fejn Linji Gwida partikolari jkunu primarjament diretti lejn il-parteċipanti fis-swieq finanzjarji. F'dan il-każ, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw, permezz tas-superviżjoni tagħhom, li l-parteċipanti fis-swieq finanzjarji jikkonformaw mal-Linji Gwida.

#### Obbligi ta' rappurtar

7. Fi żmien xahrejn mid-data tal-pubblikazzjoni tal-Linji Gwida fuq is-sit web tal-ESMA fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE, l-awtoritajiet kompetenti li għalihom japplikaw dawn il-Linji Gwida għandhom jinnotifikaw lill-ESMA jekk dawn (i) jikkonformaw, (ii) ma jikkonformawx, iżda għandhom l-intenzjoni li jikkonformaw, jew (iii) ma jikkonformawx u m'għandhom l-intenzjoni li jikkonformaw mal-Linji Gwida.
8. F'każ ta' nuqqas ta' konformità, l-awtoritajiet kompetenti għandhom ukoll jinnotifikaw lill-ESMA, fi żmien xahrejn mid-data tal-pubblikazzjoni tal-Linji Gwida fuq is-sit web tal-ESMA fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE, bir-raġunijiet tagħhom għan-nuqqas ta' konformità mal-Linji Gwida.
9. Mudell għan-notifikasi huwa disponibbli fuq is-sit web tal-ESMA. Ladarba l-mudell ikun imtela, għandu jiġi trażmess lill-ESMA.
10. Il-parteċipanti fis-swieq finanzjarji mhumiex meħtieġa jirrapportaw jekk humiex konformi ma' dawn il-Linji Gwida.

## V. Linji Gwida dwar l-iżvelar fil-prospett

### V.1. Introduzzjoni

11. L-iskop ta' dawn il-Linji Gwida huwa li jipprovi gwida lill-parteċipanti fis-suq b'rabta mal-valutazzjoni tal-informazzjoni li għandha tiġi pprovdu taħt ċerti Punti ta' Anness għar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni u biex jippromwovi l-konsistenza fl-Unjoni kollha bil-mod kif jiġu applikati l-Annessi għar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni.
12. *Il-Linji Gwida relatati mal-iżvelar tal-informazzjoni finanzjarja għandhom relazzjoni mill-qrib mar-rappurtar finanzjarju. L-ESMA tirrakkomanda li l-emittenti jinvolvu esperti tar-rappurtar finanzjarju sabiex jiżguraw li l-informazzjoni finanzjarja fil-prospetti tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti f'dawn il-Linji Gwida, kif ukoll l-obbligu ġenerali fl-Artikolu 6(1) tar-Regolament dwar il-Prospett biex jiġi żgurat li l-prospett tagħhom ikun fih l-informazzjoni meħtieġa għall-investituri biex jagħmlu valutazzjoni infurmata tal-assi u l-obbligazzjonijiet, il-profitti u t-telf, il-pożizzjoni finanzjarja, u l-prospetti tal-emittent u ta' kwalunkwe garanti. Bi-istess mod, l-awtoritat jiet kompetenti għandhom jiżguraw li s-superviżuri tagħhom ikunu familjari mal-kontenut tal-Linji Gwida u li l-għarfien espert fir-rappurtar finanzjarju jkun disponibbli biex jiġu ttrattati kwistjonijiet li jinqalgħu meta jkunu qed jiġu applikati dawn il-Linji Gwida.*
13. Meta tkun qed tiddetermina liema informazzjoni għandha tiġi pprovdu taħt ċertu Punt ta' Anness għar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni, l-ESMA tistenna li l-persuni responsabbli mill-prospett joqogħdu lura milli jiżvelaw l-informazzjoni li mhix materjali fil-kuntest tal-emittent jew tat-titoli. Kif iddikjarat fil-Premessa 27 tar-Regolament dwar il-Prospett, prospett m'għandux ikun fih informazzjoni li mhix materjali jew spċificika għall-emittent u t-titoli kkonċernati, peress li din tista' toskura l-informazzjoni rilevanti għad-deċiżjoni ta' investiment u timmina l-protezzjoni tal-investitur. Dan huwa rifless ukoll fl-Artikolu 6(1) tar-Regolament dwar il-Prospett li jiddikjara li prospett għandu jkun fih l-informazzjoni meħtieġa li tkun materjali għal investitur biex jagħmel valutazzjoni infurmata tal-informazzjoni spċificata f'dak il-paragrafu.
14. L-ESMA tinnota wkoll li għandha tiġi evitata d-duplikazzjoni tal-informazzjoni fil-prospetti. Għaldaqstant, l-emittenti jistgħu jirreferu fejn tista' tinstab informazzjoni minflok ma jiddupplikawha, sakemm dan ma jaġħmilx ħsara lill-komprensibbiltà tal-prospett. Pereżempju, il-persuni responsabbli mill-prospett jistgħu jagħmlu kontroreferenza għall-informazzjoni rilevanti pprovdu fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji, eż-zaħha taħt l-IIAS 7 u l-IIAS 12, sabiex jipprovdu informazzjoni dwar il-politiki tat-Teżor u tal-finanzjament meħtieġa taħt dawn il-Linji Gwida.

### V.2. Rieżami operattiv u finanzjarju (OFR)

#### L-iskop tal-OFR

*L-Artikolu 2 (l-Anness 1, il-Punt 7.1) u l-Artikolu 28 (l-Anness 24, il-Punt 2.5) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni.*

15. **Linja Gwida 1: Il-persuni responsabbi mill-prospett għandhom jiżguraw li I-OFR jassisti lill-investituri fil-valutazzjoni tan-negozju, tal-kundizzjoni finanzjarja u tal-prestazzjoni tal-emittent u li tinforma lill-investituri bi kwalunkwe bidla materjali fir-riżultati tal-emittent.**
16. Flimkien ma' deskrizzjoni tar-riskji u l-inċertezzi prinċipali li jiffaċċja l-emittent, I-OFR għandu jipprovd analiżi tal-iżvilupp tan-negozju, tal-kundizzjoni finanzjarja u tal-prestazzjoni tal-emittent. Sabiex l-investituri jingħataw rieżami storiku tan-negozju, tal-kundizzjoni finanzjarja u tal-prestazzjoni tal-emittent mil-lenti tal-ġestjoni tiegħu, din l-analiżi għandha tkun ibbilanċjata, komprensiva u konsistenti mad-daqs u l-kumplessità tan-negozju tal-emittent. Meta jkunu qed iħejju I-OFR, il-persuni responsabbi mill-prospett għandhom jiffokaw fuq il-kwistjonijiet li huma jqisu sinifikanti għan-negozju tal-emittent b'mod ġenerali. Jekk ċerta linja jew segment tan-negozju jkunu partikolarmen rilevanti dawn għandhom jitqiesu bħala sinifikanti.

#### **Prinċipji ġenerali tal-OFR**

*L-Artikolu 2 (I-Anness 1, il-Punt 7.1) u I-Artikolu 28 (I-Anness 24, il-Punt 2.5) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni.*

17. **Linja Gwida 2: Il-persuni responsabbi mill-prospett għandhom jiżguraw li I-OFR ikun imfassal għall-udjenza relativa, tkopri perjodu ta' żmien rilevanti u tkun kemm affidabbli kif ukoll komparabbi.**
18. **Udienza:** Il-persuni responsabbi mill-prospett għandhom jiżguraw li I-OFR jiffoka fuq kwistjonijiet li jkunu rilevanti għall-investituri. Wieħed ma għandux jassumi li l-investituri jkollhom għarfien dettaljat tan-negozju tal-emittent jew tal-karatteristiċi sinifikanti tal-ambjent operattiv tal-emittent.
19. **Perjodu ta' żmien:** Il-persuni responsabbi mill-prospett għandhom jiżguraw li I-OFR jipprovd informazzjoni dwar il-prestazzjoni tal-emittent fil-perjodi li fihom tkun inkluża l-informazzjoni finanzjarja storika jew interim fil-prospett. Permezz ta' dan, dawn għandhom jidtentifikaw ix-xejriet u l-fatturi li jkunu rilevanti għall-valutazzjoni tal-passat ta' investitur, u li aktarx jaffettaw in-negozju tal-emittent fil-perjodi sussegwenti u l-kisba tal-objettivi tiegħu.
20. **Affidabbiltà:** Il-persuni responsabbi mill-prospett għandhom jiżguraw li I-OFR ikun newtrali u ħielsa minn preġudizzju u li tindirizza aspetti pożittivi u negattivi b'mod bilanċjat.
21. **Komparabbiltà:** Il-persuni responsabbi mill-prospett għandhom jiżguraw li l-investituri jistgħu jqabblu l-informazzjoni fl-OFR ma' informazzjoni simili pprovdu xi mkien ieħor fil-prospett, bħal fl-informazzjoni finanzjarja storika tal-emittent għall-perjodu taħt rieżami.

## Kontenut tal-OFR

*L-Artikolu 2 (l-Anness 1, il-Punt 7.1) u l-Artikolu 28 (l-Anness 24, il-Punt 2.5) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni.*

22. **Linja Gwida 3:** Il-persuni responsabbbli mill-prospett għandhom jiġuraw li l-OFR tiprovd informazzjoni dwar il-qligħ għall-azzjonisti, inkluża informazzjoni dwar id-distribuzzjonijiet u t-tifdija ta' ishma, u li tiffaċilita l-valutazzjoni ta' investitur fir-riġward tas-sostenibbiltà futura tal-qligħ u l-flussi tal-flus. Informazzjoni għandha tkun inkluża dwar:
  - (i) il-komponenti materjali tal-qligħ u l-fluss tal-flus tal-emittent;
  - (ii) l-assi u l-obbligazzjonijiet materjali tan-negożju tal-emittent;
  - (iii) sa fejn il-punti (i) u (ii) huma elementi<sup>19</sup> rikorrenti; u
  - (iv) sa fejn il-punti (i) u (ii) x'aktarx jiġu milquta mill-objettivi u l-istratgeġja finanzjarji u mhux finanzjarji tal-emittent (eż. billi jiġi pprovdut żvelar dwar kwistjonijiet tal-ESG).
23. Il-persuni responsabbbli mill-prospett għandhom jiġuraw li l-OFR jiddiskuti l-prestazzjoni fil-kuntest tal-objettivi tal-emittent. L-informazzjoni għandha tkopri kwalunkwe fattur speċjali li jkun affettwa l-prestazzjoni fil-perjodu taħt rieżami. Dan jinkludi fatturi li l-effett tagħhom ma jistax jiġi kkwantifikat u kwalunkwe ħaġa speċifika mhux rikorrenti<sup>20</sup> identifikata fl-istess perjodu finanzjarju.
24. Il-persuni responsabbbli mill-prospett għandhom jiġuraw ukoll li l-OFR tiddiskuti l-assi u l-obbligazzjonijiet materjali tal-emittent, kif ukoll il-bidliet minn sena għal sena, sal-punt li tgħin biex tiġi pprovduta stampa komprensiva tan-negożju u l-attivitàajiet tal-emittent.
25. Jekk informazzjoni dwar żviluppi jew attivitajiet futuri fil-qasam tar-riċerka u l-iż-żvilupp tiġi inkluża fl-OFR, din għandha tkun ibbilanċjata u konsistenti mal-informazzjoni pprovduta xi mkien ieħor fil-prospett. Fil-każ li kwalunkwe parti minn din l-informazzjoni tikkwalifika bħala tbassir tal-profitt, il-persuni responsabbbli mill-prospett għandhom jikkunsidraw il-Linji Gwida 10-13.

<sup>19</sup> Il-paragrafu 25 ta' [ESMA/2015/1415](#) Linji Gwida – *Il-Linji Gwida tal-ESMA dwar Miżuri ta' Prestazzjoni Alternattivi*, 5 ta' Ottubru 2015, jelabora dwar il-kunċett “partiti mhux rikorrenti”: “L-emittenti jew il-persuni responsabbbli mill-prospett ma għandhomx jitikkettaw b'mod ħażin partiti bħala mhux rikorrenti, mhux frekwenti jew mhux tas-soltu. Pereżempju, partiti li affettaww perjodi fl-imghoddxi u li għandhom jaftettaw perjodi fil-gejjjeni rari għandhom jitqiesu bħala mhux rikorrenti, mhux frekwenti jew mhux tas-soltu (bħall-ispejjeż ta' ristrutturar jew it-telf minn indeboliment).”

<sup>20</sup> Ibid.

## L-użu tar-rapport dwar il-ġestjoni

*L-Artikolu 2 (I-Anness 1, il-Punt 7.1) u I-Artikolu 28 (I-Anness 24, il-Punt 2.5) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni.*

26. **Linja Gwida 4:** Jekk ir-rekwiżit tal-OFR jiġi sodisfatt bl-inklużjoni tar-rapport sħiħ dwar il-ġestjoni<sup>21</sup> mħejji skont il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi nazzjonali li jittraspunu I-Artikolu 19 jew I-Artikolu 29 u, fejn applikabbli, I-Artikolu 19a u 29a tad-Direttiva dwar il-Kontabilità, flimkien mal-Linji Gwida 1, 2 u 3, il-persuni responsabbi mill-prospett għandhom jiżguraw li rr-rapport dwar il-ġestjoni jkun jinftiehem u konsistenti mal-prospett.
27. Il-persuni responsabbi mill-prospett għandhom jivvalutaw jekk ir-rapport dwar il-ġestjoni għadux aġġornat u konsistenti mal-informazzjoni fil-prospett. Pereżempju, dawn għandhom jivverifikaw li l-informazzjoni dwar ir-riżultati operattivi, ir-riżorsi kapitali u kwalunkwe informazzjoni prospettiva bħal xejret u tbassir tal-profit tkun aġġornata. Jekk dan ma jkunx il-każ, il-persuni responsabbi mill-prospett għandhom jipprovdu kjarifiki meħtieġa sal-punt li jkunu materjali, eż. informazzjoni addizzjonal għandha tiġi pprovduta jekk tkun seħħet bidla fl-istruttura tal-grupp u għandhom jiġu pprovduti kjarifiki fejn ikun hemm dubju dwar ġerti spjegazzjonijiet fir-rapport dwar il-ġestjoni. Kwalunkwe informazzjoni aġġornata għandha tkun immarkata b'mod ċar sabiex tintgħaraf mit-test oriġinali tar-rapport dwar il-ġestjoni.
28. Jekk I-OFR ikopri l-aħħar tliet snin u kwalunkwe perjodu interim sussegwenti, ir-rapporti dwar il-ġestjoni relatati għandhom ikopru l-istess perjodu. Fejn applikabbli, jekk informazzjoni mhux finanzjarja tkun tinsab f'rapport separat, skont it-traspożizzjoni nazzjonali tal-Artikolu 19a(4) / 29a(4) tad-Direttiva dwar il-Kontabilità, u dik l-informazzjoni mhux finanzjarja tkun meħtieġa għall-finijiet tal-Artikolu 6 tar-Regolament dwar il-Prospett, tali informazzjoni wkoll għandha tiġi inkluża fil-prospett.

## V.3. Riżorsi kapitali

### Flussi tal-flus

*L-Artikolu 2 (I-Anness 1, il-Punt 8.2) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni.*

29. **Linja Gwida 5: Il-persuni responsabbi mill-prospett għandhom jiżvelaw l-informazzjoni li ġejja fil-prospett:**
  - (i) **id-dħul u l-ħruġ ta' flus matul l-aħħar perjodu finanzjarju u kwalunkwe perjodu interim sussegwenti;**
  - (ii) **kwalunkwe bidla materjali fil-flussi tal-flus tal-emittent wara dan; u**
  - (iii) **kwalunkwe sors ta' likwidità materjali mhux użat.**

<sup>21</sup> Dan huwa ugwalment rilevanti għall-Prospetti tat-Tkabbir tal-UE.

30. Id-deskrizzjoni narrattiva għandha tkopri l-aħħar perjodu finanzjarju u kwalunkwe perjodu finanzjarju interim sussegwenti. L-informazzjoni fid-deskrizzjoni għandha tkun konsistenti mal-informazzjoni finanzjarja storika.
31. Għall-fini ta' dan l-iżvelar, il-persuni responsabbi mill-prospett jistgħu jirreferu għal informazzjoni rilevanti pprovdu fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji inklużi fil-prospett, imħejji skont il-qafas tal-kontabilità applikabbli.

### **Il-politiki ta' finanzjament u tat-teżor**

*L-Artikolu 2 (l-Anness 1, il-Punt 8.3) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni.*

- 32. Linja Gwida 6: Il-persuni responsabbi mill-prospett għandhom jiżguraw li l-informazzjoni dwar il-politiki ta' finanzjament u tat-teżor tal-emittent tkun inkluża fil-prospett.**
33. Din l-informazzjoni għandha tkopri l-objettivi tal-emittent f'termini ta' kontroll tal-attivitàajiet tat-teżor, il-muniti li fihom jinżammu l-flus u l-ekwivalenti ta' flus, il-punt sa fejn is-self ikun b'rati fissi u l-użu ta' strumenti finanzjarji għal skopijiet ta' ħeġġjar.
34. L-istituzzjonijiet ta' kreditu, l-impriżi ta' assigurazzjoni u (ri)assigurazzjoni u entitajiet oħra soġġetti għal superviżjoni prudenzjali għandhom jiddiskutu l-politiki ta' finanzjament u tat-teżor tagħhom fil-kuntest tar-rekwiżiti tal-kapital u tal-likwidità tagħhom. Dawn l-istituzzjonijiet u l-impriżi jistgħu wkoll isibuha utli li jiżvelaw metriċi prudenzjali rilevanti, bħal informazzjoni mir-rapporti tal-Pilastru 3 tagħhom fil-każ tal-istituzzjonijiet ta' kreditu. Madankollu, dan fih innifsu ma jfissirx li tali emittenti jkunu meħtieġa jiżvelaw dawn il-metriċi fil-prospett.

35. Għall-fini ta' dan l-iżvelar, il-persuni responsabbi mill-prospett jistgħu jirreferu għal informazzjoni rilevanti pprovdu fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji inklużi fil-prospett, imħejji skont il-qafas tal-kontabilità applikabbli.

### **Diskussjoni dwar ir-restrizzjonijiet materjali fuq l-użu tar-riżorsi kapitali**

*L-Artikolu 2 (l-Anness 1, il-Punt 8.4) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni.*

- 36. Linja Gwida 7: Il-persuni responsabbi mill-prospett għandhom jiżguraw li tiġi pprovdu l-informazzjoni fil-prospett dwar:**
  - (i) in-natura u l-firxa ta' kwalunkwe restrizzjoni legali jew ekonomika materjali fir-rigward tal-kapaċită ta' sussidjarji li jittrasferixxu fondi lill-emittent fil-forma ta' dividendi ta' flus, self jew avvanzi; u
  - (ii) l-impatt li dawn ir-restrizzjonijiet kellhom jew huma mistennija li jkollhom fir-rigward tal-kapaċită tal-emittent li jissodisfa l-obbligi tal-flus tiegħi.

37. Eżempji ta' restrizzjonijiet jinkludu kontrolli tal-kambju u konsegwenzi ta' tassazzjoni firrigward tat-trasferimenti. Għalkemm it-tnixxija tad-dividendi<sup>22</sup> mhix restrizzjoni bħala tali, it-tnixxija tad-dividendi tista' tħalli impatt fuq il-kapaċită tal-emittent li jissodisfa l-obbligi tiegħu. Għaldaqstant, it-tnixxija tad-dividendi għandha tkun inkluża fi kwalunkwe diskussjoni dwar restrizzjonijiet materjali jew ekonomiċi fuq il-kapaċită tas-sussidjarji li jittrasferixxu fondi lill-emittent.
38. Meta l-informazzjoni dwar ir-restrizzjonijiet materjali fuq l-użu tar-riżorsi kapitali (jew informazzjoni oħra dwar ir-riżorsi kapitali) tikkoinċidi mal-informazzjoni pprovdu f'dikjarazzjoni tal-kapital operatorju kkwalifikat (il-Punt 3.1 fl-Anness 11 u l-Punt 1.1 fl-Anness 13 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni), il-persuni responsabbi mill-prospett jistgħu jirreferu għal dikjarazzjoni ta' kapital operatorju kkwalifikat.

### Patti

*L-Artikolu 2 (l-Anness 1, il-Punt 8.4) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni.*

39. **Linja Gwida 8: Il-persuni responsabbi mill-prospett għandhom jiżguraw l-iżvelar ta' informazzjoni dwar:**
  - (i) jekk l-emittent daħalx f'patti ma' selliefa li jistgħu jirrestrinġu materjalment l-użu tal-faċilitajiet ta' kreditu;
  - (ii) il-kontenut ta' dawk il-patti; u
  - (iii) jekk ikunux qed išeħħu negozjati materjali mas-selliefa dwar l-operat ta' dawn il-patti.
40. **Fejn ikun seħħi ksur ta' patt jew ikun hemm riskju sostanzjali li jseħħi dan, l-informazzjoni għandha tīgi żvelata fil-prospett dwar l-impatt tal-ksur u kif l-emittent għandu jirrimedja s-sitwazzjoni.**
41. Din il-Linja Gwida tapplika wkoll għal restrizzjonijiet fuq l-użu tar-riżorsi kapitali li jkun simili għall-patti. Eżempji ta' tali restrizzjonijiet jinkludu, iżda mhumiex limitati għal, kwalunkwe kundizzjoni mqiegħda fuq il-finanzjament minn entità governattiva u kwalunkwe kundizzjoni marbuta mal-finanzjament mill-ekwità.
42. Fejn l-informazzjoni dwar il-ksur tal-patti (jew informazzjoni oħra dwar ir-riżorsi kapitali) tikkoinċidi mal-informazzjoni pprovdu f'dikjarazzjoni ta' kapital operatorju kkwalifikat, il-persuni responsabbi mill-prospett jistgħu jiżguraw il-konsistenza ta' din l-informazzjoni billi jirreferu għad-dikjarazzjoni ta' kapital operatorju kkwalifikat.

---

<sup>22</sup> It-tnixxija tad-dividendi tirreferi għal sitwazzjonijiet fejn l-ammont sħiħ ta' dividend imħallas minn sussidjarja ma jiġix riċevut mill-emittent. It-tnixxija tad-dividendi ma tinkludix l-effetti tat-taxxa minn ras il-ġħajnejn. Eżempju ta' tnixxija ta' dividend huwa dan li ġej: l-emittent ikollu 70 % tal-ışhma f'destinatarja ta' investiment. It-30 % l-oħra tal-ışhma fid-destinatarja ta' investiment ikunu miżmura minn parti terza. Id-destinatarja ta' investiment hija kkonsolidata fil-kontijiet tal-emittent, minħabba li din tikkontrola id-destinatarja ta' investiment. Madankollu, l-emittent jirċievi biss 70 % ta' kwalunkwe dividend imħallas mid-destinatarja ta' investiment (it-30 % l-oħra jkunu alllokati għall-interess nonkontrollanti, anke jekk jidher li l-emittent jirċievi 100 % tad-dividendi fid-dikjarazzjoni jippej).

## Likwidità

*L-Artikolu 2 (I-Anness 1, il-Punt 8.4) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni.*

- 43. Linja Gwida 9: Il-persuni responsabbbli mill-prospett għandhom jipprovdu informazzjoni fil-prospett dwar il-likwidità tal-emittent u s-sorsi antiċipati tal-fondi li l-emittent jeħtieġ biex jissodisfa l-impenji tiegħu.**
44. Din l-informazzjoni għandha tħalli tħalli l-livell ta' self, l-istaġġonalità tar-rekwiżiti ta' self (indikata mill-ogħla livell ta' self matul il-perjodu finanzjarju inkwistjoni) u l-profil ta' maturità kemm tas-self kif ukoll tal-faċilitajiet ta' self impenjati mhux prelevati.
45. Il-prospett għandu jiddiskuti r-riċevibbli kummerċjali u l-ammonti pagabbli tal-emittent jekk dawn ikunu materjali biex wieħed jifhem ir-riżorsi kapitali tal-emittent. B'mod partikolari, il-prospett għandu jiżvela jekk l-emittent għandux ammont sinifikanti ta' riċevibbli kummerċjali u / jew ammonti pagabbli, inkluż kwalunkwe riskju possibbli relataf mal-finanzjament ta' tali ammont riċevibbli. Barra minn hekk, l-emittent għandu jiżvela jekk ammont materjali tar-riċevibbli kummerċjali u / jew l-ammonti pagabbli tiegħu għandhomx maturità ta' aktar minn 12-il xahar.
46. Għall-fini ta' dan l-iżvelar, il-persuni responsabbbli mill-prospett jistgħu jirreferu għal informazzjoni rilevanti pprovdu fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji inklużi fil-prospett, imħejji skont il-qafas tal-kontabilità applikabbli.

## V.4. Tbassir u estimi tal-profitt

### Kura u diliġenza dovuta

*L-Artikolu 2 (I-Anness 1, il-Punt 11.2), I-Artikolu 4 (I-Anness 3, il-Punt 7.2), I-Artikolu 7 (I-Anness 6, il-Punt 8.2), I-Artikolu 8 (I-Anness 7, il-Punt 8.1), I-Artikolu 9 (I-Anness 8, il-Punt 7.2), I-Artikolu 28 (I-Anness 24, il-Punt 2.7.2) u I-Artikolu 29 (I-Anness 25, il-Punt 2.5.1) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni.*

- 47. Linja Gwida 10: Il-persuni responsabbbli mill-prospett għandhom japplikaw il-kura u d-diliġenza dovuta meta jkunu qed jikkumpilaw il-tbassir u l-estimi tal-profitt, u għandhom jiżguraw li t-tbassir u l-estimi tal-profitt ma jqarrqu bl-investituri.**
48. Il-lista mhux eżawrjenti li ġejja fiha fatturi li l-persuni responsabbbli mill-prospett għandhom jikkunsidraw meta jkunu qed iħejju t-tbassir tal-profitt:
  - (i) ir-riżultati tal-passat, l-analiżi tas-suq, l-evoluzzjonijiet strateġiċi, is-sehem mis-suq u l-pożizzjoni tas-suq tal-emittent;
  - (ii) il-pożizzjoni finanzjarja u l-bidliet possibbli fiha;
  - (iii) l-impatt ta' akkwist jew rimi, il-bidla fl-istrateġija jew kwalunkwe bidla maġġuri fi kwistjonijiet ambjentali u t-teknoloġija;
  - (iv) il-bidliet fl-ambjent legali u fiskali; u

- (v) I-impenji lejn partijiet terzi.
49. Il-persuni responsabbi mill-prospett għandhom dejjem jivalutaw l-eżattezza tal-informazzjoni li jinkludu fil-prospett. Minħabba s-sensittivitā tat-tbassir u l-estimi tal-profitt għal ċirkostanzi li jinbidlu, fejn dokument tar-reġistrazzjoni jew dokument tar-reġistrazzjoni universali jkun fih it-tbassir jew l-estimi tal-profitt u jintuża bħala parti kositwenti ta' prospett, il-persuni responsabbi mill-prospett għandhom b'mod speċifiku jivalutaw jekk it-tbassir jew l-estimi tal-profitt għadhomx validi u korretti. Jekk ma għadhomx validi u korretti, il-persuni responsabbi mill-prospett għandhom jemendaw it-tbassir jew l-estimi tal-profitt, mid-data tal-approvazzjoni tal-prospett, billi jippreżentaw suppliment jew emenda. Sabiex jiġi evitat kwalunkwe dubju, il-prinċipji għat-tħejja tat-tbassir u l-estimi tal-profitt għandhom japplikaw ukoll għat-tbassir u l-estimi tal-profitt f'supplimenti jew emendi.

#### **Prinċipji għat-tħejja tat-tbassir u l-estimi tal-profitt**

*L-Artikolu 2 (l-Anness 1, il-Punt 11.3), l-Artikolu 4 (l-Anness 3, il-Punt 7.3), l-Artikolu 7 (l-Anness 6, il-Punt 8.3), l-Artikolu 8 (l-Anness 7, il-Punt 8.2), l-Artikolu 9 (l-Anness 8, il-Punt 7.3), l-Artikolu 28 (l-Anness 24, il-Punt 2.7.3) u l-Artikolu 29 (l-Anness 25, il-Punt 2.5.2) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni.*

50. **Linja Gwida 11: Il-persuni responsabbi mill-prospett għandhom jiżguraw li t-tbassir u l-estimi tal-profitt ikunu:**
- (i) **jinftieħmu;**
  - (ii) **affidabbi;**
  - (iii) **komparabbi; u**
  - (iv) **rilevanti.**
51. **Jinftieħmu:** It-tbassir u l-estimi tal-profitt għandu jkun fihom żvelar mhux kumpless wisq biex jinftiehem mill-investituri. Pereżempju, fir-rigward tal-iżvelar ta' profitti wara t-taxxa li jkunu affettwati materjalment mit-taxxa.
52. **Affidabbi:** It-tbassir tal-profitt għandu jkun sostnūt minn analiżi bir-reqqa tan-negożju tal-emittenti u għandu jirrappreżenta strategi, pjanijiet u analiżi tar-riskju fattwali għall-kuntrarju ta' dawk ipotetiċi.
53. **Komparabbi:** It-tbassir u l-estimi tal-profitt għandhom jitfasslu b'mod li jagħmilha faċli għall-investituri li jqabbluhom mal-informazzjoni finanzjarja storika u interim li tkun inkluża fil-prospett. Pereżempju, għandu jintuża l-istess qafas ta' kontabilità applikabbli u l-format u l-preżentazzjoni għandhom ikunu simili.
54. Jekk tbassir jew estimu tal-profitt ikun ibbażat fuq informazzjoni finanzjarja proforma jew addizzjonali, għandu jkun ċar li dan huwa l-każ. Jekk dan ikun il-każ, it-tbassir jew l-estimu tal-profitt għandhom jiġi mqabbla mal-informazzjoni finanzjarja proforma jew

addizzjonal. F'sitwazzjoni bħal din it-tbassir jew l-estimu tal-profitt proforma għandhom jitħejew b'mod simili għall-informazzjoni proforma jew addizzjonal, jiġifieri għandhom jintużaw l-istess prinċipji meta jkunu qed jitħejew it-tbassir jew l-estimu tal-profitt proforma bħal meta tkun qed titħejja l-informazzjoni proforma.

55. Informazzjoni komparattiva addizzjonalista tkun rilevanti biex it-tbassir jew l-estimu tal-profitt jitqabblu ma' informazzjoni finanzjarja storika u interim. Pereżempju, jekk tinqala' tilwima legali sinifikanti wara d-data li fiha tkun tħejjiet l-informazzjoni finanzjarja storika<sup>23</sup>, għandu jiġi spjegat l-impatt ta' din l-inċerzezza fuq it-tbassir jew l-estimu tal-profitt, u għandu jkun ċar ukoll li t-tilwima legali ma kinitx teżisti fl-aħħar tal-perjodu preċedenti.
56. Jekk ikunu seħħew bidliet fil-politika tal-kontabilità tal-emittent u jitħejew tbassir jew estimu tal-profitt, il-persuni responsabbi mill-prospett għandhom japplikaw il-prinċipji tal-IAS 8 jew kwalunkwe prinċipju tranżitorju ieħor ta' żvelar taħt l-IFRS<sup>24</sup> jew rekwiżit simili tal-qafas tal-kontabilità applikabbli. Dan għandu jiżgura li t-tbassir jew l-estimu tal-profitt ikun komparabbi mal-informazzjoni finanzjarja storika u interim tal-emmittent. Il-persuni responsabbi mill-prospett għandhom jispeċifikaw ukoll jekk it-tbassir jew l-estimu tal-profitt kienx awditjat jew soġġett għal rieżami.
57. **Rilevanti:** It-tbassir u l-estimu tal-profitt għandu jkollhom il-kapaċità li jinfluwenzaw id-deċiżjonijiet ekonomiċi tal-investituri u jassistu fil-konferma jew il-korrezzjoni ta' evalwazzjonijiet jew valutazzjonijiet tal-passat ta' informazzjoni finanzjarja storika.
58. Il-persuni responsabbi mill-prospett għandhom jinnotaw li, għall-kuntraru tat-tbassir tal-profitt, l-estimu tal-profitt mhumiex mistennija li jkunu partikolarmen sensittivi għal suppożizzjonijiet minħabba li l-estimi jirreferu għal tranżazzjonijiet ekonomiċi li digħi seħħew.

#### **Dikjarazzjoni nadifa tal-komparabbiltà u l-konsistenza tat-tbassir jew tal-estimu tal-profitt**

*L-Artikolu 2 (l-Anness 1, il-Punt 11.3), l-Artikolu 4 (l-Anness 3, il-Punt 7.3), l-Artikolu 7 (l-Anness 6, il-Punt 8.3), l-Artikolu 8 (l-Anness 7, il-Punt 8.2), l-Artikolu 9 (l-Anness 8, il-Punt 7.3), l-Artikolu 28 (l-Anness 24, il-Punt 2.7.3) u l-Artikolu 29 (l-Anness 25, il-Punt 2.5.2) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni.*

59. **Linja Gwida 12: Il-persuni responsabbi mill-prospett għandhom jiżguraw li d-dikjarazzjoni meħtieġa tkun nadifa.**
60. Il-persuni responsabbi mill-prospett għandhom jevitaw li jikkwalifikaw dik id-dikjarazzjoni bi kwalunkwe twissija.

<sup>23</sup> L-informazzjoni finanzjarja storika dwar il-perjodu finanzjarju preċedenti.

<sup>24</sup> Pereżempju, taħt l-IFRS 16, l-appendiċi (c), il-paragrafu C5(b).

### It-tbassir jew l-estimu tal-profit fir-rigward ta' impriża materjali

L-Artikolu 2 (l-Anness 1, il-Punt 11.1), L-Artikolu 4 (l-Anness 3, il-Punt 7.1), L-Artikolu 7 (l-Anness 6, il-Punt 8.1), L-Artikolu 9 (l-Anness 8, il-Punt 7.1) u L-Artikolu 28 (l-Anness 24, il-Punt 2.7.1) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni.

61. **Linja Gwida 13:** Fejn ikun hemm tbassir jew estimu tal-profit pendent relata tħall ma' impriża materjali li l-emittent ikun akkwista, il-persuni responsabbi mill-prospett għandhom jikkunsidraw jekk it-tbassir jew l-estimu tal-profit magħmul mill-impriża materjali għadux validu u korrett, u jekk ikunx meħtieġ li jiġi pprovdut żvelar dwar din il-kwistjoni fil-prospett.
62. Fejn applikabbli, il-persuni responsabbi mill-prospett għandhom jirrappurtaw l-effetti tal-akkwist u tat-tbassir jew l-estimu tal-profit magħmul mill-impriża materjali fuq il-pożizzjoni finanzjarja u / jew il-profitti tal-emittent, bħallikieku t-tbassir jew l-estimu tal-profit sar mill-emittent innifsu. Qabel ma jaġħmlu dan l-iżvelar, il-persuni responsabbi mill-prospett għandhom jivverifikaw jekk it-tbassir jew l-estimu tal-profit tal-impriża materjali jkunx imħejji permezz tal-użu tal-istess prinċipji tal-kontabilità bħal dawk użati mill-emittent / entità amalgamata - ara wkoll il-Linja Gwida 11 u s-subintestatura "komparabbi".

## V.5. Informazzjoni finanzjarja storika

### Eżempji relatati mal-Linji Gwida 14 sa 16 dwar l-informazzjoni finanzjarja storika

63. Il-Linji Gwida 14 sa 16 japplikaw għal emittenti li jadottaw qafas ġdid ta' kontabilità fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji ppubblikati li jmiss tagħhom. Il-Punti (i), (ii) u (iii) hawn taħt jintużaw bħala eżempji biex juru kif għandhom jiġi applikati l-Linji Gwida.
  - (i) L-emittent ikun applikant ġdid għal ammissjoni għan-negożju f'suq regolat tal-UE ta' titoli ta' ekkwità fl-2020. Dan uża l-GAAP nazzjonali bħala l-bażi għad-dikjarazzjonijiet finanzjarji kkonsolidati tiegħi fl-2017, 2018 u 2019. Skont ir-Regolament tal-UE 1606/2002, l-emittent ikollu japplika l-IFRS mill-1 ta' Jannar 2020, jiġifieri għall-perjodi ta' rappurtar li jintemmu wara d-data tal-ammissjoni għan-negożju (u l-komparattivi preżenti għall-2019). Jekk il-prospett għall-IPO jiġi approvat wara April 2020, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali ppubblikati li jmiss ikunu d-dikjarazzjonijiet finanzjarji tal-2020, jiġifieri d-dikjarazzjonijiet finanzjarji tal-IFRS fil-31 ta' Diċembru 2020. Dawn id-dikjarazzjonijiet finanzjarji jiġi ppubblikati sa mhux aktar tard minn April 2021.
    - 1.
    - (ii) Sitwazzjoni simili hija dik ta' emittent li dejjem ippreżenta informazzjoni finanzjarja storika taħt il-GAAP nazzjonali. Madankollu, dan l-emittent jiddeċiedi fil-ħin tal-offerta pubblika li jadotta b'mod volontarju l-IFRS għat-tnejja tad-dikjarazzjonijiet finanzjarji għall-perjodi ta' rappurtar li jibdew fl-1 ta' Jannar 2020 jew wara.
    - 2.

- (iii) It-tielet eżempju huwa dak ta' emittent li jkun ħejja d-dikjarazzjonijiet finanzjarji statutorji tiegħu fl-2017, l-2018 u l-2019 taħt il-GAAP nazzjonali ta' Stat Membru A. Madankollu, mill-1 ta' Jannar 2020 l-emittent ittrasferixxa l-uffiċċju reġistrat tiegħu fi Stat Membru B. Bħala riżultat ta' din il-bidla, l-emittent jadotta l-qafas tal-kontabilità ta' dak l-Istat Membru.
64. L-eżempji jirreferu għal adozzjoni obbligatorja u / jew volontarja ta' qafas ġdid ta' kontabilità. Għall-iskop tad-dikjarazzjoni mill-ġdid, mhuwiex rilevanti jekk l-adozzjoni ta' qafas ġdid tal-kontabilità tkunx obbligatorja jew volontarja.

### Dikjarazzjoni mill-ġdid tal-informazzjoni finanzjarja storika

*L-Artikolu 2 (l-Anness 1, il-Punt 18.1.4), l-Artikolu 7 (l-Anness 6, il-Punt 11.1.4), l-Artikolu 10 (l-Anness 9, il-Punt 8.2.3), l-Artikolu 28 (l-Anness 24, il-Punt 5.1.4) u l-Artikolu 29 (l-Anness 25, il-Punt 5.1.4) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni.*

65. **Linja Gwida 14: Il-persuni responsabbi mill-prospett għandhom japplikaw għall-informazzjoni finanzjarja storika ddikjarata mill-ġdid, il-qafas tal-kontabilità li għandu jiġi adottat fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji ppubblikati li jmiss.**
66. Sabiex jagħmlu dan, il-persuni responsabbi mill-prospett għandhom japplikaw il-qafas ġdid ta' kontabilità għall-perjodu li qed jiġi ddikjarat mill-ġdid (pereżempju, l-IFRS kif approvat fl-Unjoni). Id-dikjarazzjoni mill-ġdid għandha tapplika għall-partijiet u l-aspetti kollha tal-informazzjoni finanzjarja. Madankollu, l-obbligu li tiġi ddikjarata mill-ġdid l-informazzjoni finanzjarja f'forma konsistenti ma' dik li għandha tiġi adottata fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali ppubblikati li jmiss tal-emittent ma jfissirx li emittent għandu jadotta standards emendati jew ġodda qabel id-data effettiva tagħihom.
67. Pereżempju, emittent li għandu jadotta l-IFRS mill-1 ta' Jannar 2020 għandu japplika r-rekwiżiti rilevanti taħt l-IFRS. B'mod partikolari, l-emittent għandu japplika l-IFRS 1 li jistabbilixxi prinċipji għall-adozzjoni tal-IFRS għall-ewwel darba u jiprovdut gwida firrigward tat-tranżizzjoni mill-qafas tal-kontabilità li l-emittent kien japplika preċedentement (eż. il-GAAP nazzjonali).
68. Il-persuni responsabbi mill-prospett mhumiex meħtieġa jiddikjaraw mill-ġdid l-ewwel sena ta' dikjarazzjonijiet finanzjarji f'każ ta' prospetti li jkopru tliet snin ta' informazzjoni finanzjarja biex ikunu konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni. B'referenza għall-eżempji pprovduti hawn fuq, il-persuni responsabbi mill-prospett mhumiex meħtieġa jiddikjaraw mill-ġdid id-dikjarazzjonijiet finanzjarji tal-2017. Madankollu, l-informazzjoni finanzjarja storika tal-ewwel sena għandha tkun inkluża fil-prospett skont ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni.
69. Fejn il-prospett ikun fih informazzjoni finanzjarja proforma, il-persuni responsabbi mill-prospett għandhom ifasslu l-informazzjoni finanzjarja proforma skont il-qafas ġdid ta' kontabilità applikat għall-informazzjoni finanzjarja ddikjarata mill-ġdid. Dan jippermetti li l-investituri jqabblu l-informazzjoni finanzjarja ddikjarata mill-ġdid mal-informazzjoni finanzjarja proforma.

70. Fejn l-informazzjoni finanzjarja storika annwali kollha li tkun meħtieġa li tiġi inkluża fil-prospett tkun ġiet iddikjarata mill-ġdid biex tikkonforma mar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni, il-persuni responsabbi mill-prospett jistgħu jippreżentaw id-dikjarazzjonijiet finanzjarji ddikjarati mill-ġdid awditjati u l-komparattivi tagħhom fil-prospett bħala sostitut għad-dikjarazzjonijiet finanzjarji statutorji. B'dan il-mod, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji statutorji jistgħu jiġi sostitwiti bl-informazzjoni finanzjarja ddikjarata mill-ġdid awditjata li tkopri l-perjodu ta' żmien meħtieġ skont ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni.

#### L-applikazzjoni ta' approċċ tranżitorju

*L-Artikolu 2 (l-Anness 1, il-Punt 18.1.4), l-Artikolu 7 (l-Anness 6, il-Punt 11.1.4), l-Artikolu 10 (l-Anness 9, il-Punt 8.2.3), l-Artikolu 28 (l-Anness 24, il-Punt 5.1.4) u l-Artikolu 29 (l-Anness 25, il-Punt 5.1.4) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni.*

71. **Linja Gwida 15:** Fejn il-prospett ikun meħtieġ li jinkludi informazzjoni finanzjarja storika għal tliet snin finanzjarji, u mhux dawk is-snin kollha ta' informazzjoni finanzjarja jkunu ddikjarati mill-ġdid, il-persuni responsabbi mill-prospett għandhom jippreżentaw u jħejju l-perjodu tan-nofs kemm taħt il-qafas ta' kontabilità attwali kif ukoll dak ġdid u għandhom jippreżentaw u jħejju l-aħħar perjodu biss taħt il-qafas ta' kontabilità ġdid.
72. Skont ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni, il-persuni responsabbi mill-prospett huma meħtieġa jiddikjaraw mill-ġdid b'mod komplut id-dikjarazzjonijiet finanzjarji li jkopru l-aħħar sentejn finanzjarji. F'dan il-każ, il-perjodu tan-nofs jintuża bħala pont bejn l-ewwel u t-tielet sena filwaqt li l-ewwel sena finanzjarja tista' tiġi ppreżentata u mħejjija taħt il-qafas ta' kontabilità preċedenti. Il-Figura 1 tistabbilixxi approċċ li l-persuni responsabbi mill-prospett jistgħu jużaw meta tkun meħtieġa l-informazzjoni finanzjarja storika fil-prospett biex tkopri tliet snin finanzjarji fis-sitwazzjonijiet imsemmija taħt il-punti (i), (ii) u (iii) fil-paragrafu 63.
73. L-approċċ tranżitorju muri fil-Figura 1 ma jindikax forma speċifika ta' preżentazzjoni għall-informazzjoni finanzjarja storika inkluża fil-prospett. L-approċċ tranżitorju għandu b'mod konsistenti jiġi applikat fil-partijiet u t-taqsimiet kollha tal-prospett, bħal pereżempju fl-informazzjoni finanzjarja ewlenja inkluża fis-sommarju tal-prospett jew fit-taqsimi OFR.

*Figura 1: Applikazzjoni ta' approċċ tranżitorju għall-prospetti li jinkludu tliet snin ta' informazzjoni finanzjarja*

Partiti ta' dikjarazzjonijiet finanzjarji	Sena 2019	Sena 2018	Sena 2018	Sena 2017
	L-applikazzjoni tal-IFRS jew GAAP ġdid (iddikjarati mill-ġdid)	L-applikazzjoni tal-IFRS jew GAAP ġdid (iddikjarati mill-ġdid bħala komparattivi)	L-applikazzjoni tal-GAAP preċedenti (kif ippubblikati preċedentement)	L-applikazzjoni tal-GAAP preċedenti (kif ippubblikati)

74. B'referenza għall-Figura 1, l-emittenti tal-ekwità għandhom jaapplikaw I-IFRS 1 fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji tal-2019 (kif iddikjarati mill-ġdid skont I-IFRS), filwaqt li jiġi kkunsidrat li tali emittenti jkunu meħtieġa jippreżentaw fil-prospett id-dikjarazzjonijiet finanzjarji awditjati ddikjarati mill-ġdid skont I-IFRS għall-aħħar sena, li jkun fihom informazzjoni komparattiva għas-sena preċedenti, skont ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni. Dan jimplika li I-informazzjoni finanzjarja relatata mal-2018 għandha tiġi ddikjarata mill-ġdid fl-IFRS bħala komparattivi fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji tal-IFRS tal-2019.
75. Għall-prospetti li jkunu meħtieġa jinkludu sentejn ta' informazzjoni finanzjarja storika, il-persuni responsabbi mill-prospett għandhom, skont ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni, jiddikjaraw mill-ġdid I-informazzjoni finanzjarja għall-aħħar sena li jkun fiha informazzjoni finanzjarja storika komparattiva għas-sena preċedenti u jinkludu kemm informazzjoni finanzjarja għall-aħħar sena kif ukoll informazzjoni finanzjarja komparattiva għas-sena preċedenti fil-prospett taħt il-qafas ġdid ta' kontabilità. F'dan il-każ, I-informazzjoni finanzjarja li tkopri I-ewwel sena (kif imħejji taħt il-qafas “I-antik”) għandha tkun inkluża wkoll fil-prospett, sakemm I-informazzjoni finanzjarja ddikjarata mill-ġdid ma tkoprix il-perjodi kollha meħtieġa biex jiġi inklużi fil-prospett (ara I-paragrafu 70 hawn fuq).
76. Fejn ir-rekwiżit għad-dikjarazzjoni mill-ġdid tal-informazzjoni finanzjarja storika jaapplika għall-prospetti li jkunu meħtieġa jinkludu sena waħda biss ta' informazzjoni finanzjarja storika,<sup>25</sup> il-persuni responsabbi mill-prospett għandhom jiddikjaraw mill-ġdid I-informazzjoni finanzjarja storika għal dik is-sena u jippreżentawha taħt il-qafas ġdid ta' kontabilità. Meta l-qafas ta' kontabilità applikabbli jirrikjedi li d-dikjarazzjonijiet finanzjarji tal-aħħar sena jinkludu informazzjoni komparattiva u l-emittent iħejji tali dikjarazzjonijiet finanzjarji li jkun fihom informazzjoni komparattiva, dan għandu jiġi inklużi fil-prospett. Madankollu, fejn mhux meħtieġ mill-qafas ta' kontabilità applikabbli, I-informazzjoni

<sup>25</sup> Dan ir-rekwiżit jaapplika għall-prospetti tat-Tkabbir tal-UE relatati ma' titoli mingħajr ekwità.

komparattiva ma jkollhiex għalfejn tiġi ppreżentata fil-qafas ġdid ta' kontabilità għall-finijiet tal-prospett biss.

77. Il-persuni responsabbli mill-prospett għandhom isegwu l-qafas ġdid ta' kontabilità applikabbi fir-rigward tal-preżentazzjoni tad-dikjarazzjonijiet finanzjarji storiċi ddikjarati mill-ġdid. Pereżempju, fil-każ ta' dikjarazzjoni mill-ġdid għall-IFRS, l-istandard ta' kontabilità applikabbi jkun l-IFRS 1.
78. Fir-rigward tal-preżentazzjoni tal-informazzjoni finanzjarja storika ddikjarata mill-ġdid fil-prospett, pereżempju fis-sommarju jew fit-taqSIMA tal-OFR, il-persuni responsabbli mill-prospett għandhom jivvalutaw jekk il-format tal-preżentazzjoni tad-dikjarazzjonijiet finanzjarji statutorji huwiex kompatibbli b'mod suffiċjenti mal-format tal-preżentazzjoni tal-informazzjoni finanzjarja ddikjarata mill-ġdid sabiex l-investituri jkunu jistgħu jiksbu fehim ċar tal-prestazzjoni u l-iżvilupp finanzjarju tal-emittent maż-żmien. Fejn il-persuni responsabbli mill-prospett jikkunsidraw li hemm kompatibbiltà suffiċjenti bejn il-format tal-preżentazzjoni tal-informazzjoni finanzjarja ddikjarata mill-ġdid u l-format tal-preżentazzjoni tal-informazzjoni finanzjarja mħejjija taħt il-qafas tal-kontabilità attwali, dawn jistgħu jagħżlu li jippreżentawhom flimkien. Fejn il-persuni responsabbli mill-prospett jikkunsidraw li ma jkunx hemm kompatibbiltà suffiċjenti, dawn għandhom jippreżentaw l-informazzjoni finanzjarja storika mħejjija taħt iż-żewġ ofsa ta' kontabilità b'mod separat. Pereżempju, dan jista' jkun dovut għal differenzi sinifikanti fil-format tal-preżentazzjoni tal-qafas tal-kontabilità attwali u ġdid jew fejn tali preżentazzjoni ma tkunx konsistenti mal-prinċipji ġenerali tal-qafas tal-kontabilità l-ġdid.

#### **L-awditjar tal-informazzjoni finanzjarja storika ddikjarata mill-ġdid**

*L-Artikolu 2 (l-Anness 1, il-Punt 18.1.4), l-Artikolu 7 (l-Anness 6, il-Punt 11.1.4), l-Artikolu 10 (l-Anness 9, il-Punt 8.2.3), l-Artikolu 28 (l-Anness 24, il-Punt 5.1.4) u l-Artikolu 29 (l-Anness 25, il-Punt 5.1.4) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni.*

79. **Linja Gwida 16:** Il-persuni responsabbli mill-prospett għandhom jiżguraw li r-rapport tal-awditjar prodott għall-finijiet tal-prospett ikopri l-informazzjoni finanzjarja storika ddikjarata mill-ġdid, inkluża kwalunkwe informazzjoni komparattiva f'konformità mal-qafas ġdid tal-kontabilità, ippreżentat fil-prospett.
80. Fejn applikabbi, ir-rapport tal-awditjar jiġi ppreżentat f'konformità mad-Direttiva dwar l-Auditjar u r-Regolament dwar l-Auditjar. Fejn dawn ma jkunux applikabbi, għandu jiġi applikat dan li ġej:
  - (i) l-awditur għandu jawditja l-informazzjoni finanzjarja ddikjarata mill-ġdid skont l-istandardi tal-awditjar applikabbi fi Stat Membru jew standards ekwivalenti.<sup>26</sup> L-awditur għandu jinkludi opinjoni tal-awditjar dwar jekk l-informazzjoni finanzjarja storika ddikjarata mill-ġdid tagħtix, għall-finijiet tal-prospett, stampa vera u ġusta skont il-qafas tal-kontabilità rilevanti; u

<sup>26</sup> Ir-reġim ta' ekwivalenza stabbilit fl-Artikoli 45 u 46 tad-Direttiva dwar l-Auditjar jippermetti li r-rapporti tal-awditjar maħruġa minn awuditri rreġistrati f'pajjiż terz ikunu validi fl-Unjoni meta pajjiż terz ikun meqjus bħala ekwivalenti.

## 3.

- (ii) jekk l-auditur ikun irrifjuta li jiprovdi rapport tal-auditjar dwar l-informazzjoni finanzjarja storika ddikjarata mill-ġdid, jew jekk l-auditur ikun inkluda kwalifikasi, modifikasi tal-opinjoni, ċaħdiet ta' responsabbiltà jew osservazzjonijiet fir-rapport tal-auditjar, il-persuni responsabbli mill-prospett għandhom jirriprodu ī-l-kwalifikasi, il-modifikasi, iċ-ċaħdiet ta' responsabbiltà jew l-osservazzjonijiet b'mod sħiħ fil-prospett u jagħtu r-raġunijiet għalihom.
81. Jekk il-persuni responsabbli mill-prospett jużaw l-approċċ tranżitorju stabbilit fil-Linja Gwida 15 u jippreżentaw is-sena tan-nofs (2018) taħt iż-żewġ oqfsa tal-kontabilità, ir-rapport tal-auditjar relatat mad-dikjarazzjoni mill-ġdid prodotta għall-fini tal-prospett ikun meħtieġ biss li jkopri l-informazzjoni finanzjarja storika ddikjarata mill-ġdid. Dan ir-rapport tal-auditjar għandu jinkludi opinjoni dwar jekk l-informazzjoni ddikjarata mill-ġdid tagħtix stampa vera u ġusta tal-prestazzjoni u l-pożizzjoni finanzjarja tal-emittent u, fejn applikabbi, tad-dikjarazzjonijiet tal-fluss tal-flus tal-emittent. Fl-eżempju pprovdut fil-Linja Gwida 15, ir-rapport tal-auditjar tal-aħħar sena (2019) għandu jkopri l-informazzjoni finanzjarja storika ddikjarata mill-ġdid għall-2019 li tinkludi informazzjoni komparattiva għall-2018, li għandha tkun koperta fl-istess rapport tal-auditjar bħala informazzjoni komparattiva.
82. Barra minn hekk, biex tikkonforma mar-rekwiżiti tal-iż-velar fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni, l-informazzjoni finanzjarja storika mħejjija taħt il-qafas tal-kontabilità attwali – fl-eżempju pprovdut fil-Linja Gwida 15, l-informazzjoni finanzjarja storika tal-2018 u l-2017 – għandha tkun koperta mir-rapporti tal-auditjar statutorju fir-rigward ta' kull sena li għandha tiġi inkluża fil-prospett. Biex jiġi evitat kull dubju, il-persuni responsabbli mill-prospett għandhom jużaw ir-rekwiżiti tal-iż-velar li jirreferu għall-bidla fil-qafas tal-kontabilità fl-Annessi rilevanti tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni flimkien mal-informazzjoni meħtieġa dwar l-auditjar tal-informazzjoni finanzjarja storika skont dak ir-Regolament.
83. Il-każ li fih l-awtorità kompetenti tkun talbet żvelar addizzjonal jew saħansitra dikjarazzjoni mill-ġdid tal-kontijiet wara rieżami tal-informazzjoni finanzjarja statutorja għandu jkun distint mill-każ fejn titwettaq dikjarazzjoni mill-ġdid pereżempju f'konformità mal-Anness 1, il-Punt 18.1.4. Din il-Linja Gwida tapplika jekk id-dikjarazzjoni mill-ġdid titwettaq skont l-Anness 1, il-Punt 18.1.4, jew il-Punti l-oħra tal-Anness relatati mal-bidla fil-qafas tal-kontabilità. Madankollu, meta titwettaq dikjarazzjoni mill-ġdid mill-emittent bħala riżultat ta' proċedura ta' infurzar, l-informazzjoni ddikjarata mill-ġdid għandha tiġi inkluża fil-prospett flimkien mal-kontijiet oriġinali, sakemm il-kontijiet oriġinali ma jiġux ikkoreġuti b'mod uffiċċali (maħruġa mill-ġdid). F'dan il-każ, l-informazzjoni ddikjarata mill-ġdid mhux neċċesarjament tiġi awditjata peress li dan jiddejha miċ-ċirkostanzi tal-każ.

**II-kontenut tal-informazzjoni finanzjarja storika annwali**

*L-Artikolu 2 (l-Anness 1, il-Punt 18.1.5) u l-Artikolu 7 (l-Anness 6, il-Punt 11.1.5) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni.*

84. **Linja Gwida 17:** Jekk l-standards tal-kontabilità applikabbi ma jeħtiġux l-inklużjoni fl-informazzjoni finanzjarja annwali ta' xi komponenti tad-dikjarazzjonijiet finanzjarji meħtieġa mill-Annessi applikabbi tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni, il-persuni responsabbi mill-prospett għandhom jiżguraw li d-dikjarazzjonijiet addizzjonali meħtieġa minn dak ir-Regolament jitħejew skont il-qafas tal-kontabilità applikabbi.
85. F'xi każijiet, il-qafas tal-kontabilità applikabbi ma jirrikjedix li l-emittenti jħejju l-komponenti kollha tal-informazzjoni finanzjarja storika meħtieġa skont l-Annessi rilevanti tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni, pereżempju d-dikjarazzjoni tal-fluss tal-flus jew id-dikjarazzjoni tal-bidlett fl-ekwità. F'dawn il-każijiet, il-persuni responsabbi mill-prospett għandhom iħejju l-informazzjoni nieqsa għall-finijiet tal-prospett. Fejn il-qafas tal-kontabilità applikabbi jkun fih prinċipi għat-tħejja ta' tali informazzjoni, il-persuni responsabbi mill-prospett għandhom isegwu dawn il-prinċipi. Fejn il-qafas tal-kontabilità applikabbi ma jkunx fih prinċipi bħal dawn, il-persuni responsabbi mill-prospett għandhom jikkunsidraw li jsegwu l-prinċipi stabbiliti fl-IFRS sa fejn possibbli.

## V.6. Informazzjoni finanzjarja proforma

**Il-valutazzjoni jekk tranżazzjoni tikkostitwixx bidla grossa sinifikanti jew impenn finanzjarju sinifikanti**

*L-Artikolu 1(e) u l-Artikolu 18(4) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni.*

86. **Linja Gwida 18:** Biex jiġi vvalutat jekk tranżazzjoni tikkostitwixx bidla grossa sinifikanti fis-sens tal-Artikolu 1(e) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni jew impenn finanzjarju sinifikanti fis-sens tal-Artikolu 18(4) ta' dak ir-Regolament, il-persuni responsabbi mill-prospett għandhom jikkunsidraw id-daqs tat-tranżazzjoni b'mod relativ mad-daqs tan-negozju tal-emittent. Dan għandu jsir abbażi ta' ċifri li jirriflettu n-negozju tal-emittent qabel ma tkun seħħet it-tranżazzjoni u billi jintużaw indikaturi tad-daqs xierqa li b'mod ġenerali jkunu waħda mill-partiti li ġejjin:
  - (i) assi totali;
  - (ii) dħul; jew
  - (iii) profitt jew telf.
87. Fejn dawn l-indikaturi tad-daqs jipproduċu riżultat anomalu jew ma jkunux xierqa għall-industrija speċifika tal-emittent jew għat-tranżazzjoni nnifisha, il-persuni responsabbi mill-prospett jistgħu jużaw indikaturi alternattivi. Pereżempju, jista' jirriżulta riżultat anomalu meta kumpanija kbira, bi profitt qrib iż-żero jew b'telf, takkwista kumpanija b'assi u dħul ferm iżgħar iżda li jkollha profitt pożittiv żgħir. Dan jista' jwassal biex il-profitt tal-kumpanija li qed takkwista jiżdied b'aktar minn 25 %. Madankollu, jista' jkun qarrieqi meta l-akkwist tal-kumpanija ż-żgħira jitqies bħala bidla grossa sinifikanti. F'tali każijiet, il-persuni responsabbi mill-prospett għandhom jiddiskutu l-proposti tagħhom fir-

rigward tal-indikaturi alternattivi mal-awtorità kompetenti matul il-proċess tal-approvazzjoni tal-prospett.

88. Il-kalkolu ta' jekk jintlaħhaqx il-limitu ta' 25 % għandu jkun ibbażat fuq id-daqs tat-tranżazzjoni b'mod relattiv mal-informazzjoni finanzjarja storika qabel ma tkun seħħet it-tranżazzjoni. Pereżempju, fil-każ ta' akkwist, il-persuni responsabbi mill-prospett għandhom jużaw ċifri li ma jinkludux il-kumpanija akkwistata. Normalment jużaw ċifri mill-informazzjoni finanzjarja storika awditjata tal-emittent għall-aħħar sena finanzjarja.
89. Il-kalkolu tal-indikaturi fil-paragrafu 86 għandu jitwettaq fuq bażi annwali, irrispettivament miċ-ċifri li jintużaw. Dan għandu jitwettaq billi jintużaw ċifri tad-dikjarazzjoni finanzjarja li jkopru perjodu ta' 12-il xahar sabiex jitneħħha kwalunkwe effett ta' staġjonalità matul is-sena.
90. Xi drabi emittent jippubblika prospett – inkluża informazzjoni finanzjarja proforma li tkopri bidla grossa sinifikanti, storja finanzjarja kumplessa jew impenn finanzjarju sinifikanti ("I-ewwel tranżazzjoni") – u sussegwentement iwettaq jew jippenja ruħu li jwettaq it-tieni tranżazzjoni u jħejji t-tieni prospett, mingħajr ma jippubblika kwalunkwe informazzjoni finanzjarja bejn iż-żewġ prospetti. F'tali każijiet, il-persuni responsabbi mill-prospett għandhom jużaw I-informazzjoni storika, jiġifieri, I-informazzjoni finanzjarja tal-emittent qabel I-ewwel tranżazzjoni, biex jiddeterminaw jekk it-tieni tranżazzjoni tikkostitwixx bidla grossa sinifikanti jew impenn finanzjarju sinifikanti. Meta t-tieni tranżazzjoni tikkostitwixxi bidla grossa sinifikanti jew impenn finanzjarju sinifikanti, u għaldaqstant tkun meħtieġa informazzjoni finanzjarja proforma, il-persuni responsabbi mill-prospett għandhom ikopru kemm I-ewwel kif ukoll it-tieni tranżazzjoni fl-informazzjoni finanzjarja proforma.<sup>27</sup>
91. Jekk emittent iwettaq jew jippenja ruħu li jwettaq diversi tranżazzjonijiet, li b'mod individwali ma jikkostitwixx aktar minn varjazzjoni ta' 25 % fir-rigward ta' indikatur tad-daqs wieħed jew aktar tan-negozju tal-emittent iżda li b'mod kollettiv jikkostitwixx aktar minn varjazzjoni ta' 25 %, il-persuni responsabbi mill-prospett għandhom jinkludu informazzjoni finanzjarja proforma sakemm dan ma jkunx ta' piż sproporzjonat biex tiġi prodotta tali informazzjoni finanzjarja proforma. Jekk emittent iwettaq jew jippenja ruħu li jwettaq diversi tranżazzjonijiet, u waħda minnhom biss tikkostitwixxi aktar minn varjazzjoni ta' 25 % fir-rigward ta' indikatur tad-daqs wieħed jew aktar tan-negozju tal-emittent, il-persuni responsabbi mill-prospett għandhom jinkludu informazzjoni finanzjarja proforma li tkopri t-tranżazzjonijiet kollha sakemm dan ma jkunx ta' piż sproporzjonat biex tiġi prodotta informazzjoni finanzjarja proforma għat-tranżazzjonijiet li ma jikkostitwixx aktar minn varjazzjoni ta' 25 %. Meta jkun qed jiġi ddeterminat jekk dan huwiex ta' piż sproporzjonat, il-persuni responsabbi mill-prospett għandhom jikkunsidraw I-ispejjeż għall-produzzjoni tal-informazzjoni finanzjarja proforma kontra I-valur tal-informazzjoni għall-investituri. Jekk jiġi ddeterminat li dan huwa ta' piż

<sup>27</sup> F'dan I-eżempju, it-tieni tranżazzjoni tikkonċerha bidla li tkun ta' 25 % jew aktar. Madankollu, għal raġunijiet ta' ċarezza, tranżazzjoni taħt il-25 % ukoll jista' jeftieġ li tiġi żvelata permezz ta' informazzjoni finanzjarja proforma. It-test ta' spjegazzjoni fil-paragrafu 91 jistabbilixxi prinċipju ġenerali ta' aggregazzjoni li dejjem għandu jiġi kkunsidrat.

sproporzjonat, il-persuni responsabbbli mill-prospett għandhom jispiegaw lill-awtorità kompetenti għaliex jikkunsidraw li huwa ta' piż sproporzjonat.

92. Eżempju wieħed ta' sitwazzjoni li tista' titqies bħala ta' piż sproporzjonat huwa meta emittent ikun wettaq tranżazzjoni li tikkostitwixxi żieda ta' 27 % fl-assi totali tiegħu u tranżazzjoni oħra li tikkostitwixxi żieda ta' 1 %. F'dan il-każ, il-persuni responsabbbli mill-prospett jistgħu jargumentaw li huwa ta' piż sproporzjonat li tiġi prodotta informazzjoni finanzjarja proforma għaż-żieda ta' 1 %. Eżempju ieħor jista' jkun meta emittent ikun wettaq tranżazzjonijiet li jammontaw għal bidla ta' 30 %, 20 % u 5 %. Bi-applikazzjoni tal-prinċipji fil-Linjal Gwida 18, il-konklużjonijiet li ġejjin jistgħu jirriżultaw skont is-sitwazzjoni speċifika u l-każ:
- (i) I-impatt tat-tranżazzjoni ta' 30 % jiġi deskritt bl-użu ta' proforma peress li jeċċedi l-limitu ta' 25 %. Ikun intwera lill-awtorità kompetenti li t-tranżazzjonijiet ta' 20 %<sup>28</sup> u 5 % it-tnejn huma ta' piż sproporzjonat biex jiġu deskritti. Għaldaqstant, tiġi deskritta biss it-tranżazzjoni ta' 30 %;
  - (ii) I-impatt tat-tranżazzjonijiet ta' 30 %, 20 % u 5 % jiġi deskritt bl-użu ta' proforma. L-impatt tat-tranżazzjoni ta' 30 % jiġi deskritt minħabba li jeċċedi l-limitu ta' 25 % u l-impatt tat-tranżazzjonijiet ta' 20 % u 5 % jiġi deskritt minħabba l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' aggregazzjoni. F'dan il-każ ma jkunx sar b-suċċess l-argument li huwa ta' piż sproporzjonat li tiddeskrivi t-tranżazzjonijiet ta' 20 % u 5 %; jew
  - (iii) I-impatt tat-tranżazzjonijiet ta' 30 % u 20 % jiġi deskritt bl-użu ta' proforma iżda mhux tat-tranżazzjoni ta' 5 %. It-tranżazzjoni ta' 30 % tiġi deskritta bl-użu ta' proforma għax teċċedi l-limitu ta' 25 % u t-tranżazzjoni ta' 20 % tiġi deskritta minħabba l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' aggregazzjoni. F'dan il-każ ma sarx b-suċċess l-argument li huwa ta' piż sproporzjonat li tiddeskrivi t-tranżazzjoni ta' 20 %, iżda sar b-suċċess l-argument li huwa ta' piż sproporzjonat li tiddeskrivi t-tranżazzjoni ta' 5 %.

#### **Data ipotetika tat-tranżazzjoni (il-kont tal-profit u tat-telf proforma)**

*L-Artikolu 2 (l-Anness 1, il-Punt 18.4.1), l-Artikolu 4 (l-Anness 3, il-Punt 11.5) u l-Artikolu 28 (l-Anness 24, il-Punt 5.7) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni.*

93. Linja Gwida 19: Fil-każ ta' bidla grossa sinifikanti:

- (i) fejn il-persuni responsabbbli mill-prospett iħejju informazzjoni finanzjarja proforma b'referenza għall-aħħar perjodu finanzjarju komplut, dawn għandhom ifasslu l-kont tal-profit u tat-telf proforma bħallikieku t-tranżazzjoni kienet twettqet fl-ewwel jum ta' dak il-perjodu; u / jew

<sup>28</sup> Fil-fekhma tal-ESMA, huwa biss fċirkostanzi rari li l-persuni responsabbbli mill-prospett ikunu jistgħu jargumentaw li l-iżvelar firrigward tat-tranżazzjoni ta' 20 % ikun ta' piż sproporzjonat.

- (ii) fejn il-persuni responsabqli mill-prospett iħejju informazzjoni finanzjarja proforma b'referenza għall-perjodu interim l-aktar riċenti li għalih tkun ġiet ippubblikata informazzjoni rilevanti mhux aġġustata jew hi inkluża fid-dokument tar-reġistrazzjoni / tal-prospett, dawn għandhom ifasslu l-kont tal-profit u tat-telf proforma bħallikieku t-tranżazzjoni kienet twettqet fl-ewwel jum ta' dak il-perjodu.
94. Meta n-negozju tal-emittent ikun għadda minn bidla grossa sinifikanti u titħejja informazzjoni finanzjarja proforma, il-persuni responsabqli mill-prospett iwettqu simulazzjoni ta' kif it-tranżazzjoni taffettwa lill-emittent li kieku seħħet f'data aktar bikrija. Din id-data hija indipendenti mid-data li fiha jiġi approvat il-prospett.
95. Pereżempju, prospett ta' ekwità jitfassal f'Mejju 2020 u jinkludi informazzjoni finanzjarja storika awditjata li tkopri l-2017, l-2018 u l-2019. Id-data tal-karta tal-bilanċ li tiġi inkluża fl-informazzjoni finanzjarja storika tal-2019 tkun il-31 ta' Diċembru 2019. L-emittent ippubblika informazzjoni finanzjarja mhux awditjata għall-ewwel trimestru tal-2020, inkluża karta tal-bilanċ datata l-31 ta' Marzu 2020, li wkoll hija inkluża fil-prospett. L-assi totali tal-emittent żdiedu b'27 % f'April 2020 minħabba l-akkwist tal-Kumpanija XYZ.
- Skont I-Anness 20, il-Partita 2.2(a) u (b) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni, informazzjoni finanzjarja proforma tista' tiġi ppubblikata biss fir-rigward ta':
- A. I-aħħar perjodu finanzjarju komplut; u / jew
  - B. il-perjodu interim l-aktar riċenti li għalih ġiet ippubblikata informazzjoni rilevanti mhux aġġustata jew hi inkluża fid-dokument tar-reġistrazzjoni / tal-prospett.
- Abbażi ta' dan, il-persuni responsabqli mill-prospett jistgħu jfasslu l-kont tal-qligħ u tat-telf proforma bħallikieku l-akkwist tal-Kumpanija XYZ mill-emittent kien kien seħħi fl-1 ta' Jannar 2019 "u / jew" bħallikieku l-akkwist tal-Kumpanija XYZ mill-emittent kien seħħi fl-1 ta' Jannar 2020.
- Waqt li I-Anness 20 jiprovd għażla ta' "u / jew", f'dan l-eżempju, ikun aħjar li tiġi ppreżentata l-informazzjoni proforma dwar it-telf u l-profitt għall-perjodu finanzjarju sħiħ tal-2019 - ara wkoll il-Linjal Gwida 21, il-paragrafu 103 u l-punt li jirreferi għall-istaġjonalitā. Għaldaqstant, il-persuni responsabqli mill-prospett għandhom iħejju l-informazzjoni proforma mill-1 ta' Jannar 2019.
- Madankollu, jista' jkun hemm sitwazzjoni fejn ikun meħtieġ taħbi l-Artikolu 6 tar-Regolament dwar il-Prospett li tintalab l-informazzjoni kemm għall-perjodu finanzjarju sħiħ kif ukoll għall-perjodu interim u dan huwa permess mill-Anness 20. F'tali każ, il-kont tal-profit u tat-telf proforma għaż-żewġ perjodi għandu jitfassal bħallikieku t-tranżazzjoni kienet twettqet fl-ewwel data tal-ewwel perjodu.
96. Il-persuni responsabqli mill-prospett għandhom jiżguraw li kwalunkwe informazzjoni finanzjarja interim użata bħala l-bażi għall-kont tal-qligħ u tat-telf proforma titħejja bl-attenzjoni dovuta.

### Data ipotetika tat-tranżazzjoni (karta tal-bilanċ proforma)

L-Artikolu 2 (I-Anness 1, il-Punt 18.4.1), I-Artikolu 4 (I-Anness 3, il-Punt 11.5) u I-Artikolu 28 (I-Anness 24, il-Punt 5.7) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni.

#### 97. Linja Gwida 20: Fil-każ ta' bidla grossa sinifikanti:

- (i) meta l-persuni responsabbi mill-prospett iħejju l-informazzjoni finanzjarja proforma b'referenza għall-aħħar perjodu finanzjarju komplut, dawn għandhom ifasslu l-karta tal-bilanċ proforma bħallikieku t-tranżazzjoni kienet twettqet fl-aħħar jum ta' dak il-perjodu; u / jew
- (ii) meta l-persuni responsabbi mill-prospett iħejju l-informazzjoni finanzjarja proforma b'referenza għall-perjodu interim l-aktar riċenti li għalihi tkun ġiet ippubblikata informazzjoni rilevanti mhux aġġustata jew hi inkluża fid-dokument tar-reġistrazzjoni / tal-prospett, dawn għandhom ifasslu l-karta tal-bilanċ proforma bħallikieku t-tranżazzjoni kienet twettqet fl-aħħar jum ta' dak il-perjodu.

#### 98. Jekk jogħġibok irreferi għall-eżempju fil-paragrafu 95:

Skont I-Anness 20, il-Punt 2.2(a) u (b) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni, informazzjoni finanzjarja proforma tista' tiġi ppubblikata biss fir-rigward ta':

- A. l-aħħar perjodu finanzjarju komplut; u / jew  
4.
- B. il-perjodu interim l-aktar riċenti li għalihi ġiet ippubblikata informazzjoni rilevanti mhux aġġustata jew hi inkluża fid-dokument tar-reġistrazzjoni / tal-prospett.

Abbażi ta' dan, il-persuni responsabbi mill-prospett jistgħu jfasslu l-karta tal-bilanċ proforma bħallikieku l-akkwist tal-Kumpanija XYZ mill-emittent kien seħħi fil-31 ta' Diċembru 2019 "u / jew" bħallikieku l-akkwist tal-Kumpanija XYZ mill-emittent kien seħħi fil-31 ta' Marzu 2020.

Waqt li I-Anness 20 jipprovd għażla ta' "u / jew", fil-każ tal-informazzjoni tal-karta tal-bilanċ, din tkun rilevanti biss għall-informazzjoni finanzjarja proforma li għandha tiġi ppreżentata għal perjodu wieħed. F'dan l-eżempju, l-informazzjoni finanzjarja proforma għandha titfassal bħallikieku l-akkwist kien seħħi fil-31 ta' Marzu 2020.

#### 99. Il-persuni responsabbi mill-prospett għandhom jiżguraw li kwalunkwe informazzjoni finanzjarja interim użata bħala l-bażi għall-karta tal-bilanċ proforma tkun tħejjiet bl-attenzjoni dovuta.

### Il-perjodu ta' żmien kopert minn informazzjoni proforma

L-Artikolu 2 (I-Anness 1, il-Punt 18.4.1), I-Artikolu 4 (I-Anness 3, il-Punt 11.5), I-Artikolu 18 (I-Anness 20, il-Punt 2.2) u I-Artikolu 28 (I-Anness 24, il-Punt 5.7) tar-

*Regolament Delegat tal-Kummissjoni fid-dawl tal-prinċipju ta' konsistenza stabbilit fl-Artikolu 2(r) tar-Regolament dwar il-Prospett.*

- 100. Linja Gwida 21: Il-persuni responsabbi mill-prospett għandhom jiżguraw li I-perjodu ta' żmien kopert mill-kont tal-profit u tat-telf / karta tal-bilanċ proforma jkun konsistenti mal-informazzjoni finanzjarja inkluża fil-prospett.**
101. Il-perjodu ta' żmien għall-informazzjoni finanzjarja proforma għandu jkun konsistenti mal-perjodu ta' żmien kopert mill-informazzjoni finanzjarja fid-dokument tar-reġistrazzjoni jew fil-prospett. Għaldaqstant, il-persuni responsabbi mill-prospett jistgħu jfasslu l-informazzjoni finanzjarja proforma fir-rigward ta':
- (i) I-aħħar sena finanzjarja li għalqet; u / jew
  - (ii) il-perjodu finanzjarju interim (eż. fir-rigward tal-aħħar nofs sena jew trimestru) li għaliex l-emittent ippubblika l-informazzjoni finanzjarja; u / jew;
  - (iii) il-perjodu aktar qasir li l-emittent ilu jopera.
102. Fir-rigward tal-informazzjoni finanzjarja interim, waqt li l-persuni responsabbi mill-prospett normalment jużaw l-informazzjoni finanzjarja ta' kull sitt xħur meta jkunu qed ifasslu dikjarazzjonijiet proforma, dawn jistgħu jużaw informazzjoni finanzjarja trimestrali fejn tali informazzjoni tkun tħejjiet bl-istess livell ta' kura bħall-informazzjoni ta' kull sitt xħur, eż. billi jiġi applikati l-prinċipji tal-IAS 34. L-informazzjoni finanzjarja ta' kull sitt xħur u trimestrali tkun jew informazzjoni li l-emittent digħà ppubblika, pereżempju, biex jikkonforma mar-rekwiżiti tad-Direttiva dwar it-Trasparenza, jew li l-persuni responsabbi mill-prospett ikunu qed jinkludu fil-prospett.
103. Fejn il-prospett ikun fih biss dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali, il-kont tal-profit u tat-telf / karta tal-bilanċ proforma għandhom ikopru s-sena sħiħa. Fejn il-prospett ikun fih kemm dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali kif ukoll informazzjoni finanzjarja interim, il-persuni responsabbi mill-prospett jistgħu jiddeċiedu li jkopru biss il-perjodu interim, is-sena sħiħa biss, jew kemm il-perjodu interim kif ukoll is-sena sħiħa fil-kont tal-profit u tat-telf / karta tal-bilanċ proforma. Madankollu, jekk il-persuni responsabbi mill-prospett ikopru biss il-perjodu interim fil-kont tal-qligħ u tat-telf proforma, dawn għandhom jiżguraw li dan jiddeskrivi b'mod suffiċjenti kif it-tranżazzjoni setgħet affettwat il-qligħ tal-emittent. Pereżempju, fejn in-negozju tal-emittent jiġi affettwat mill-istaġġonalitā jista' ma jkunx suffiċjenti li jiġi kopert biss il-perjodu interim, u l-kont tal-qligħ u tat-telf proforma jista' jkun meħtieġ li jkopri s-sena sħiħa.
104. Biex jikkonformaw mar-rekwiżit li tiġi inkluża informazzjoni storika mhux aġġustata fil-kont tal-profit u tat-telf / karta tal-bilanċ proforma, il-persuni responsabbi mill-prospett normalment jużaw (i) l-informazzjoni finanzjarja storika awditjata għall-aħħar perjodu finanzjarju komplut (ii) jew l-informazzjoni finanzjarja interim l-aktar riċenti (eż. b'rabta mal-aħħar nofs sena jew trimestru) ippubblikata mill-emittent jew inkluża fil-prospett qabel ma saret it-tranżazzjoni. F'ċirkostanzi speċifiċi, din ir-regola ma tapplikax, pereżempju, meta l-emittent ikun fassal informazzjoni finanzjarja spċifikament għall-fini

tal-prospett (eż. entità li għadha kif ġiet inkorporata mingħajr ebda informazzjoni finanzjarja storika preċedenti).

### **Tranżazzjoni diġà koperta f'informazzjoni finanzjarja storika jew interim**

*L-Artikolu 2 (I-Anness 1, il-Punt 18.4.1), I-Artikolu 4 (I-Anness 3, il-Punt 11.5), I-Artikolu 18 (I-Anness 20, il-Punt 1.1(b)) u I-Artikolu 28 (I-Anness 24, il-Punt 5.7) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni.*

- 105. Linja Gwida 22: Il-persuni responsabbi mill-prospett mhumiex meħtieġa li jinkludu kont tal-profitt u tat-telf / karta tal-bilanċ proforma fil-prospett jekk it-tranżazzjoni tkun diġà riflessa għal kollex fil-kont tal-profitt u tat-telf / karta tal-bilanċ li jinsabu fl-informazzjoni finanzjarja storika jew interim fil-prospett.**
106. Jekk it-tranżazzjoni tkun diġà riflessa għal kollex fil-kont tal-profitt u tat-telf / karta tal-bilanċ fl-informazzjoni finanzjarja storika jew interim inkluża fil-prospett, ma jkun hemm l-ebda ħtieġa għall-provvista ta' kont tal-profitt u tat-telf / karta tal-bilanċ proforma, peress li l-investituri diġà jkunu ġew ipprovdu bl-informazzjoni meħtieġa. Pereżempju, fejn emittent għaddha minn bidla grossa sinifikanti f'Novembru 2018 u prospett jitħejja f'Marzu 2019 li jkun fih dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali awditati għall-2018, il-persuni responsabbi mill-prospett għandhom jinkludu kont tal-profitt u tat-telf proforma. Dan minħabba li l-kont tal-profitt u tat-telf fid-dikjarazzjoni finanzjarja annwali tal-2018 ma jirriflettix għal kollex l-impatt tat-tranżazzjoni għas-sena sħiħa. Madankollu, f'dan il-każ il-persuni responsabbi mill-prospett ma jridux jinkludu karta tal-bilanċ proforma, minħabba li l-karta tal-bilanċ fid-dikjarazzjoni finanzjarja annwali tal-2018 tirrifletti biss-sħiħ it-tranżazzjoni.

### **L-użu ta' informazzjoni oħra għajr I-informazzjoni finanzjarja proforma**

*L-Artikolu 2 (I-Anness 1, il-Punt 18.4.1), I-Artikolu 4 (I-Anness 3, il-Punt 11.5) u I-Artikolu 28 (I-Anness 24, il-Punt 5.7) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni.*

- 107. Linja Gwida 23: Fil-każ ta' bidla grossa sinifikanti, il-persuni responsabbi mill-prospett jistgħu b'mod eċċezzjonali, bi qbil mal-awtorità kompetenti, jiddeskrivu l-effett tat-tranżazzjoni għajr permezz ta' informazzjoni finanzjarja proforma.**
108. Bħala regola, il-persuni responsabbi mill-prospett għandhom jipprovdu informazzjoni finanzjarja proforma skont I-Anness 20 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni biex tirrifletti bidla grossa sinifikanti. Madankollu, f'sitwazzjonijiet eċċezzjonali jkunu jistgħu jiddeskrivu l-effett tat-tranżazzjoni:
  - (i) billi jipprovdu biss kont tal-profitt u tat-telf proforma u l-ebda karta tal-bilanċ proforma jew billi jipprovdu biss karta tal-bilanċ proforma u l-ebda kont tal-profitt u tat-telf proforma (anke jekk it-tranżazzjoni mhix riflessa fil-kont tal-profitt u tat-telf / karta tal-bilanċ li jinsabu fl-informazzjoni finanzjarja storika jew interim fil-prospett, kif deskritt fil-Linjal Gwida 22);
  - (ii) billi jipprovdu diversi elementi ta' kont tal-profitt u tat-telf proforma li jkunu rilevanti u mhux kont tal-profitt u tat-telf proforma sħiħ (eż. kont tal-profitt u tat-

telf proforma li jista' jeskludi riżultat nett) biex jiffaċilitaw il-fehim ta' investitur fir-rigward ta' ċerti impatti fuq punti bħal fatturat jew profit operatorju. F'dan il-każ, dawn l-elementi għandhom ikunu koperti minn rapport tal-audituri u għandhom ikunu imparzjali, jiġifieri għandhom juru telf kif ukoll qligħ proforma; jew

- (iii) billi jipprovdu biss informazzjoni narrattiva u la kont tal-profit u tat-telf proforma u lanqas karta tal-bilanċ proforma.

109. Dawn is-sitwazzjonijiet eċċeżżjonali jistgħu jinqalgħu, iżda ma jkunux limitati għal, meta:

- (i) l-emittent jakkwista entità oħra u ma jkunx raġonevolment possibbi li tinkiseb l-informazzjoni finanzjarja rilevanti relatata ma' dik l-entità;
- (ii) l-emittent akkwista assi u hemm disponibbli informazzjoni finanzjarja insuffiċjenti;
- (iii) l-informazzjoni finanzjarja proforma ma tiddeskrivix b'mod preċiż l-effett tat-tranżazzjoni.

110. Kull meta tinqala' sitwazzjoni eċċeżżjonali bħal din, huwa importanti li wieħed jiftakar li l-Artikolu 6 tar-Regolament dwar il-Prospett huwa rilevanti fir-rigward tal-effett tat-tranżazzjoni li qed tiġi deskritta.

111. Il-persuni responsabbi mill-prospett għandhom jiksbu l-qbil tal-awtorità kompetenti qabel jiproċedu bl-aproċċi deskrīt fil-paragrafu 108. Jekk il-persuni responsabbi mill-prospett isegwu l-aproċċi deskrīt fil-paragrafu 108, il-punt (iii), dawn mhumiex meħtieġa jinkludu rapport imħejji mill-kontabilisti jew l-audituri indipendenti.

**Liema ġrajjet jiġu koperti b'informazzjoni finanzjarja proforma / preżentazzjoni ta' aġġustamenti**

*L-Artikolu 2 (l-Anness 1, il-Punt 18.4.1), l-Artikolu 4 (l-Anness 3, il-Punt 11.5), l-Artikolu 18 (l-Anness 20, il-Punt 2.3(b) u (c)) u l-Artikolu 28 (l-Anness 24, il-Punt 5.7) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni.*

**112. Linja Gwida 24: Fit-tħejja ta' aġġustamenti proforma, il-persuni responsabbi mill-prospett għandhom jirriflettu t-tranżazzjoni li tagħti lok għall-informazzjoni finanzjarja proforma irrispettivament minn jekk it-tranżazzjoni tkunx digħà seħħet jew tkun għadha ma seħħitx. Meta jagħmlu dan, dawn għandhom jirriflettu biss kwistjonijiet li jkunu:**

- (i) parti integrali mit-tranżazzjoni; u
- (ii) jkollhom il-kapaċită għal grad raġonevoli ta' determinazzjoni oġġettiva.

113. L-aġġustamenti proforma għandhom ikopru t-tranżazzjoni li tagħti lok għall-informazzjoni finanzjarja proforma irrispettivament minn jekk it-tranżazzjoni tkunx digħà seħħet (fil-każ ta' bidla grossa sinifikanti jew storja finanzjarja kumplessa) jew tkun għadha ma seħħitx (fil-każ ta' impenn finanzjarju sinifikanti).

114. Pereżempju, emittent jista' jwettaq żieda fil-kapital (li tkun teħtieġ prospett) biex jiġbor fondi għall-akkwist ta' entità oħra. L-akkwist jista' jikkostitwixxi impenn finanzjarju sinifikanti. Jekk dan ikun minnu, dan għandu jwassal għal ħtieġa ta' informazzjoni finanzjarja proforma biex jintwera l-impatt tal-akkwist bħallikieku seħħi f'data aktar bikrija. Minbarra li juru l-impatt tal-akkwist, il-persuni responsabbi mill-prospett għandhom ikopru wkoll l-impatt taż-żieda fil-kapital u / jew ta' kwalunkwe konsiderazzjoni finanzjarja oħra involuta, eż. kwalunkwe ħruġ ta' dejn jew kuntratt finanzjarju ieħor meħtieġ biex jtitlesta l-akkwist. Jekk ikun hemm ħafna inċertezza rigward is-sottoskrizzjonijiet għall-offerta, il-persuni responsabbi mill-prospett għandhom jikkunsidraw iż-żieda ta' fattur ta' riskju f'dan ir-rigward.

*Il-preżentazzjoni ta' aġġustamenti f'informazzjoni proforma*

115. L-aġġustamenti proforma jridu jippreżentaw l-effetti sinifikanti kollha direttament attribwibbli għat-tranżazzjoni. Madankollu, il-persuni responsabbi mill-prospett ma għandhomx jinkludu effetti futuri li jkunu ferm inċerti, peress li dan jista' jaġhti stampa qarrieqa tat-tranżazzjoni. B'mod partikolari, informazzjoni finanzjarja proforma b'mod ġenerali ma għandhiex tħalli aġġustamenti li jkunu dipendenti fuq azzjonijiet li għandhom jittieħdu ladarba t-tranżazzjoni tkun tlestiet, anke fejn tali azzjonijiet huma ċentrali għall-fini tad-dħul fit-tranżazzjoni tal-emittent, eż. sinerġiji. Barra minn hekk, il-persuni responsabbi mill-prospett ma għandhomx, bħala regola, jinkludu konsiderazzjoni differita jew kontinġenti, għajnej konsiderazzjoni li tkun rikonoxxuta bħala parti mill-konsiderazzjoni trasferita bi skambju għall-akkwiżiż taħt il-qafas tal-kontabilità applikabbi, jekk dik il-konsiderazzjoni ma tkunx direttament attribwibbli għat-tranżazzjoni iżda għal avveniment futur. Jekk konsiderazzjoni differita jew kontinġenti jkollha l-kapaċċità għal grad raġonevoli ta' determinazzjoni oġġettiva, tista' tiġi inkluża fuq bażi ta' każ b'każ, skont l-użu tal-informazzjoni proforma u wara diskussjoni mal-awtorità kompetenti.
116. Il-persuni responsabbi mill-prospett għandhom dejjem jibbażaw l-aġġustamenti proforma fuq evidenza affidabbli u dokumentata. Tali evidenza tipikament tikkonsisti f'kontijiet ippubblikati, kontijiet ta' ġestjoni, informazzjoni finanzjarja oħra u valutazzjonijiet li jinsabu fid-dokumentazzjoni relatata mat-tranżazzjoni, ftehimiet ta' xiri u ta' bejgħ u ftehimiet oħra mat-tranżazzjoni koperta mill-prospett. Pereżempju, fir-rigward tal-kontijiet ta' ġestjoni, iċ-ċifri interim għal impriżza li qed tiġi akkwistata jistgħu jiġi derivati mill-iskedi ta' konsolidazzjoni sottostanti tad-dikjarazzjonijiet interim ta' dik l-impriżza.

**Rapport tal-kontabilista / awditur**

*L-Artikolu 2 (l-Anness 1, il-Punt 18.4.1), l-Artikolu 4 (l-Anness 3, il-Punt 11.5), l-Artikolu 18 (l-Anness 20, it-Taqsima 3) u l-Artikolu 28 (l-Anness 24, il-Punt 5.7) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni.*

117. **Linja Gwida 25: Fejn il-persuni responsabbi mill-prospett iħejju informazzjoni finanzjarja proforma skont l-Anness 20 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni, dawn għandhom jiżguraw li jagħmlu dan b'mod li jippermetti li l-kontabilisti jew l-**

**awdituri indipendenti jħejju r-rapport tagħhom skont il-formulazzjoni eżatta stabbilita fit-Taqsima 3 ta' dak l-Anness.**

118. L-iskop tar-rapport imħejji mill-kontabilisti jew l-awdituri indipendenti huwa biex tingħata l-opinjoni li l-informazzjoni finanzjarja proforma kienet ikkumpilata kif xieraq mill-persuni responsabbi mill-prospett, jiġifieri kkumpilata kif xieraq fuq il-bażi ddikjarata u li l-bażi hija konsistenti mal-politiki tal-kontabilità tal-emittent.
119. Il-persuni responsabbi mill-prospett għandhom għaldaqstant jikkumpilaw l-informazzjoni finanzjarja proforma b'mod li jippermetti li l-kontabilisti / l-awdituri indipendenti jgħidu li, fil-fehma tagħhom, l-informazzjoni finanzjarja proforma ġiet ikkumpilata kif xieraq fuq il-bażi ddikjarata, u li din il-bażi hija konsistenti mal-politiki tal-kontabilità tal-emittent.
120. It-Taqsima 3 tal-Anness 20 timplika li ma għandhomx jinqalgħu kwalifikasi jew osservazzjonijiet tal-kwistjoni fir-rigward ta' kif l-informazzjoni finanzjarja proforma ġiet ikkumpilata. Jekk, madankollu, il-kontabilista jew l-awditur indipendenti jrid jiġbed l-attenzjoni ta' investitur għall-fatt li nqalgħu kwalifikasi jew osservazzjonijiet fir-rigward tal-informazzjoni finanzjarja storika mhux aġġustata sottostanti użata fit-tħejjija tal-informazzjoni finanzjarja proforma, dan mhuwiex ipprojbit milli jagħmel dan. Jekk kwalifikasi jew osservazzjonijiet jiġu inklużi f'dan il-kuntest, dawn għandhom jiġu ppreżentati b'mod separat fir-rapport mill-opinjoni dwar kif ġiet ikkumpilata l-informazzjoni proforma.

#### **Informazzjoni finanzjarja proforma volontarja**

*L-Artikolu 6 tar-Regolament dwar il-Prospett jingara flimkien mal-Artikolu 2 (l-Anness 1, il-Punt 18.4.1), l-Artikolu 4 (l-Anness 3, il-Punt 11.5), l-Artikolu 18 (l-Anness 20) u l-Artikolu 28 (l-Anness 24, il-Punt 5.7) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni.*

121. **Linja Gwida 26: Il-persuni responsabbi mill-prospett għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-Anness 20 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni jekk l-informazzjoni finanzjarja proforma tkun inkluża fi prospett fuq bażi volontarja.**
122. Anke fin-nuqqas ta' bidla grossa sinifikanti, impenn finanzjarju sinifikanti jew storja finanzjarja kumplessa, il-persuni responsabbi mill-prospett jistgħu jiddeċiedu li b'mod volontarju jinkludu informazzjoni finanzjarja proforma fil-prospett. L-istess jaapplika għal emittenti ta' titoli mingħajr ekwità.
123. Il-fatt li l-informazzjoni finanzjarja proforma tkun inkluża fil-prospett fuq bażi volontarja ma għandux jimplika li huwa possibbli li din l-informazzjoni tingħata inqas attenzjoni milli meta tkun inkluża fuq bażi obbligatorja. L-informazzjoni finanzjarja proforma, jekk ma tkunx imħejji bl-attenzjoni dovuta, tista' tħawwad jew saħansitra tqrraq lill-investituri. Għaldaqstant, il-persuni responsabbi mill-prospett għandhom jaapplikaw ir-rekwiżiti tal-Anness 20 jekk jiddeċiedu li jinkludu informazzjoni finanzjarja proforma fuq bażi volontarja.

## V.7. Informazzjoni finanzjarja interim

### Il-kumpilazzjoni ta' informazzjoni finanzjarja interim

L-Artikolu 2 (l-Anness 1, il-Punt 18.2), l-Artikolu 7 (l-Anness 6, il-Punt 11.2.1), l-Artikolu 28 (l-Anness 24, il-Punt 5.2.1) u l-Artikolu 29 (l-Anness 25, il-Punt 5.2.1) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni.

124. **Linja Gwida 27:** Meta l-informazzjoni finanzjarja l-aktar riċenti ppubblikata mill-emittent tkun ir-rapport finanzjarju ta' kull sitt xhur imħejji skont id-Direttiva dwar it-Trasparenza, il-persuni responsabbi mill-prospett għandhom jinkludu fid-dokument tar-reġistrazzjoni tal-anqas is-sett ta' dikjarazzjonijiet finanzjarji fil-qosor inklużi f'dak ir-rapport finanzjarju ta' kull sitt xhur.
125. Meta l-informazzjoni finanzjarja l-aktar riċenti ppubblikata minn emittent tkun ir-rapport finanzjarju trimestrali, il-persuni responsabbi mill-prospett għandhom jinkludu fid-dokument tar-reġistrazzjoni tal-anqas is-sett ta' dikjarazzjonijiet finanzjarji fil-qosor inklużi f'dak ir-rapport finanzjarju trimestrali.
126. Jistgħu jiġu previsti żewġ sitwazzjonijiet differenti:
  - (i) Emittent jissottometti prospett għall-approvazzjoni fit-30 ta' Lulju. L-emittent ippubblika informazzjoni finanzjarja ta' kull sitt xhur (30 ta' Ġunju) u informazzjoni finanzjarja dwar l-ewwel trimestru. F'dak il-każ, l-aħħar informazzjoni finanzjarja interim ma tkunx suffiċjenti, u l-emittent għandu jinkludi fil-prospett tiegħi kemm l-informazzjoni finanzjarja trimestrali (Q3) kif ukoll dik ta' kull sitt xhur sakemm ma jkunx hemm duplikazzjoni ta' informazzjoni. Meta l-informazzjoni finanzjarja interim għat-tielet trimestru tkopri wkoll l-ewwel disa' xhur tas-sena, u titħejja skont l-istess standard ta' kontabilità interim (eż. l-IAS 34) bħall-informazzjoni finanzjarja ta' kull sitt xhur, l-informazzjoni finanzjarja ta' kull sitt xhur ma jeħtiġx li tiġi żvelata.
  - (ii) Emittent jissottometti prospett għall-approvazzjoni fit-30 ta' Ottubru. L-emittent ippubblika informazzjoni finanzjarja dwar it-tielet trimestru u informazzjoni finanzjarja ta' kull sitt xhur (30 ta' Ġunju). F'dak il-każ, l-aħħar informazzjoni finanzjarja interim ma tkunx suffiċjenti, u l-emittent għandu jinkludi fil-prospett tiegħi kemm l-informazzjoni finanzjarja trimestrali (Q3) kif ukoll dik ta' kull sitt xhur sakemm ma jkunx hemm duplikazzjoni ta' informazzjoni. Meta l-informazzjoni finanzjarja interim għat-tielet trimestru tkopri wkoll l-ewwel disa' xhur tas-sena, u titħejja skont l-istess standard ta' kontabilità interim (eż. l-IAS 34) bħall-informazzjoni finanzjarja ta' kull sitt xhur, l-informazzjoni finanzjarja ta' kull sitt xhur ma jeħtiġx li tiġi żvelata.

### Politiki u prinċipji tal-kontabilità rilevanti

L-Artikolu 2 (l-Anness 1, il-Punt 18.2), l-Artikolu 7 (l-Anness 6, il-Punt 11.2.1), l-Artikolu 28 (l-Anness 24, il-Punt 5.2.1) u l-Artikolu 29 (l-Anness 25, il-Punt 5.2.1) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni, għandhom jinqraw flimkien mal-prinċipju ta' konsistenza stabbilit fl-Artikolu 2(r) tar-Regolament dwar il-Prospett.

127. **Linja Gwida 28:** Meta l-emittent ikun ippubblika informazzjoni finanzjarja trimestrali jew ta' kull sitt xhur, il-persuni responsabbi mill-prospett għandhom jippreżentaw l-informazzjoni finanzjarja interim skont il-qafas tal-kontabilità tal-emittent.

## V.8. Dikjarazzjonijiet tal-kapital operatorju

**Id-determinazzjoni ta' jekk id-dikjarazzjoni tal-kapital operatorju għandhiex tkun nadifa jew ikkwalifikata**

*L-Artikolu 12 (I-Anness 11, il-Punt 3.1), I-Artikolu 13 (I-Anness 12, il-Punt 3.3), I-Artikolu 14 (I-Anness 13, il-Punt 1.1) u I-Artikolu 30 (I-Anness 26, il-Punt 2.1) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni, li jistipulaw li d-dikjarazzjoni tal-kapital operatorju tista' jew tirrifletti li l-emittent għandu kapital operatorju suffiċjenti biex jissodisfa r-rekwiżiti attwali tiegħu jew li ma għandux kapital operatorju suffiċjenti biex jagħmel dan, jinqraw fid-dawl tad-durata tal-validità tal-prospett stabbilita fil-Artikolu 12 tar-Regolament dwar il-Prospett.*

128. **Linja Gwida 29: Fejn emittent jista' jiddikjara mingħajr formulazzjoni kwalifikanti li għandu biżżejjed kapital operatorju biex jissodisfa r-rekwiżiti attwali tiegħu, dan għandu jiprovdik dikjarazzjoni tal-kapital operatorju “nadifa”. Fejn l-emittent ma jistax jiddikjara mingħajr formulazzjoni kwalifikanti li għandu kapital operatorju suffiċjenti biex jissodisfa r-rekwiżiti attwali tiegħu, dan għandu jiprovdik dikjarazzjoni tal-kapital operatorju “kkwalifikata”.**
129. Il-persuni responsabbi mill-prospett jistgħu jissodisfaw ir-rekwiżiti li jinkludu dikjarazzjoni tal-kapital operatorju fil-prospett jew:
  - (i) billi jinkludu dikjarazzjoni tal-kapital operatorju nadifa, li tiddikjara li l-emittent, fil-fehma tiegħu stess u f'konformità mad-durata tal-validità tal-prospett stabbilita fil-Artikolu 12 tar-Regolament dwar il-Prospett, għandu kapital operatorju suffiċjenti għal perjodu ta' mill-anqas 12-il xahar; jew
  - (ii) billi jinkludu dikjarazzjoni tal-kapital operatorju kkwalifikata, li tiddikjara li l-emittent, fil-fehma tiegħu stess, ma għandux kapital operatorju suffiċjenti u tispjega kif jiproponi li jiprovdik l-kapital operatorju addizzjonal meħtieġ.
130. Meta jkun qed jikkunsidra jekk id-dikjarazzjoni tal-kapital operatorju tiegħu għandhiex tkun nadifa jew ikkwalifikata, l-emittent għandu jiivaluta jekk huwiex kapaċi jaċċessa flus kontanti u riżorsi likwidli oħra disponibbi sabiex jissodisfa l-obbligazzjonijiet tiegħu hekk kif dawn ikunu dovuti.
131. Id-dikjarazzjoni tal-kapital operatorju għandha tkun konsistenti mal-partijiet l-oħra tal-prospett. Meta partijiet oħra tal-prospett, pereżempju l-fatturi tar-riskju, jiddeskrivu elementi li jistgħu jaffettwaw b'mod ħażin il-kapaċită tal-emittent li jissodisfa r-rekwiżiti attwali tiegħu, l-emittent ma għandux jagħmel dikjarazzjoni tal-kapital operatorju nadifa. Meta r-rapport tal-auditur ikun fiha dikjarazzjoni relatata ma' “negozju avvjat”, u d-dikjarazzjoni tal-kapital operatorju tkun nadifa, il-persuni responsabbi mill-prospett għandhom jiprovdū spjegazzjoni għal dan fil-prospett.
132. Emittent jista' jikkunsidra li għandu kapital operatorju suffiċjenti u li d-dikjarazzjoni tal-kapital operatorju tiegħu għandha għaldaqstant tkun nadifa, iżda fl-istess ħin jixtieq jinkludi formulazzjoni kwalifikanti bħal suppożizzjonijiet, sensittivitajiet, fatturi ta' riskju

jew twissijiet potenzjali fid-dikjarazzjoni. Jekk emittent isib li huwa meħtieġ li jinkludi tali formulazzjoni kwalifikanti, dan jimplika li ma jistax jiddikjara b'mod sod li għandu kapital operatorju suffiċjenti biex jissodisfa r-rekwiżiti attwali tiegħu, u għaldaqstant għandu jipprovi dikjarazzjoni tal-kapital operatorju kkwalifikata minflok waħda nadifa.

133. Meta jipprovi dikjarazzjoni tal-kapital operatorju nadifa, emittent għandu jiżvela jekk ir-rikavat mill-offerta kienx inkluż fil-kalkolu tal-kapital operatorju tiegħu. Sabiex jiġi evitat kwalunkwe dubju, tali żvelar mhuwiex meqjus bħala kwalifika jew twissija, iżda informazzjoni fuq il-bażi tat-ħejjija tad-dikjarazzjoni tal-kapital operatorju li tkun meħtieġa għal investitur biex jagħmel valutazzjoni infurmata.
134. Mhuwiex aċċettabbli li l-emittent jiddikjara li ma jistax jikkonferma jekk għandux kapital operatorju suffiċjenti. F'tali każijiet, l-emittent għandu jipprovi dikjarazzjoni tal-kapital operatorju kkwalifikata.

### Proċeduri robusti

*L-Artikolu 12 (l-Anness 11, il-Punt 3.1), l-Artikolu 13 (l-Anness 12, il-Punt 3.3), l-Artikolu 14 (l-Anness 13, il-Punt 1.1) u l-Artikolu 30 (l-Anness 26, it-Taqsima 2 u l-Punt 2.1) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni.*

135. **Linja Gwida 30: L-emittent għandu jħejji d-dikjarazzjoni tal-kapital operatorju tiegħu bbażata fuq proċeduri robusti b'mod li jkun hemm fit it-xejn riskju li d-dikjarazzjoni tiġi kkontestata.**
136. L-emittent għandu jsegwi proċeduri xierqa biex jiżgura r-robustezza tad-dikjarazzjoni. Tali proċeduri normalment jinkludu:

- (i) it-ħejji ta' informazzjoni finanzjarja prospettiva ta' sostenn mhux ippubblikata fil-forma ta' informazzjoni dwar il-fluss ta' flus, il-profit u t-telf u l-karta tal-bilanç internament konsistenti;
- (ii) it-twettiq ta' analiżi tan-negozju li tkopri kemm il-flussi ta' flus tal-emittent kif ukoll it-termini u l-kundizzjonijiet u l-konsiderazzjonijiet kummerċjali assoċjati mas-servizzi bankarji u ma' relazzjonijiet oħra ta' finanzjament;
- (iii) il-konsiderazzjoni tal-istratgeġja u l-pjanijiet tal-emittent u r-riskji ta' implementazzjoni relatati flimkien ma' kontrolli kontra l-evidenza u l-analiżi; u
- (iv) il-valutazzjoni jekk hemmx riżorsi suffiċjenti biex ikopru l-agħar xenarju possibbli raġonevoli (l-analiżi tas-sensittivită). Fejn m'hemmx marġni suffiċjenti ta' manuvra bejn il-finanzjament meħtieġ u dak disponibbli biex jiġu koperti xenari alternativi raġonevoli, l-emittent jeħtieġ jikkunsidra mill-ġdid il-pjanijiet tan-negozju tiegħu jew jirranġa finanzjament addizzjonali jekk jixtieq jipprovi dikjarazzjoni tal-kapital operatorju nadifa.

### M'hemmx lok għal aktar minn interpretazzjoni waħda

*L-Artikolu 12 (I-Anness 11, il-Punt 3.1), I-Artikolu 13 (I-Anness 12, il-Punt 3.3), I-Artikolu 14 (I-Anness 13, il-Punt 1.1) u I-Artikolu 30 (I-Anness 26, it-Taqsima 2 u I-Punt 2.1) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni.*

**137. Linja Gwida 31: L-emittent għandu jiżgura li d-dikjarazzjoni tal-kapital operatorju ma tkunx miftuħa għal aktar minn interpretazzjoni waħda.**

138. Irrispettivament minn jekk id-dikjarazzjoni tal-kapital operatorju hijex nadifa jew ikkwalifikata, l-emittent għandu jiżgura li jibgħat messaġġ ċar, sabiex ikun ovvu għall-investituri jekk fil-fehma tal-emittent hemmx kapital operatorju suffiċjenti.
139. F'dikjarazzjoni tal-kapital operatorju nadifa, l-emittenti għandhom jiddikjaraw li l-kapital operatorju tagħhom "huwa suffiċjenti". Dawn għandhom jevitaw li jsemmu li "għandhom" jew "jista' jkollhom" kapital operatorju suffiċjenti jew li "jemmnu" li għandhom kapital operatorju suffiċjenti, peress li dawn it-termini tal-aħħar jistgħu joħolqu konfużjoni dwar meta l-kapital operatorju jkun suffiċjenti u liema avvenimenti jkollhom iseħħu biex il-kapital operatorju jkun suffiċjenti. Dikjarazzjoni tal-kapital operatorju nadifa jista' pereżempju jkollha l-formulazzjoni li ġejja: "Fil-fehma tal-kumpanija, il-kapital operatorju tagħha jkun biżżejjed biex jissodisfa r-rekwiżiti attwali tagħha tal-anqas għat-tnax-il xahar li ġejjin."

### II-kontenut ta' dikjarazzjoni tal-kapital operatorju kkwalifikata

*L-Artikolu 12 (I-Anness 11, il-Punt 3.1), I-Artikolu 13 (I-Anness 12, il-Punt 3.3), I-Artikolu 14 (I-Anness 13, il-Punt 1.1) u I-Artikolu 30 (I-Anness 26, il-Punt 2.1) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni.*

**140. Linja Gwida 32: F'dikjarazzjoni ta' kapital operatorju kkwalifikata, l-emittent għandu jiddikjara li ma għandux kapital operatorju suffiċjenti għar-rekwiżiti attwali tiegħu. Barra minn hekk, din għandha tiddeskrivi l-fatturi li ġejjin:**

- (i) iż-żmien;
- (ii) id-defiċit;
- (iii) il-pjan ta' azzjoni; u
- (iv) l-implikazzjonijiet.

141. L-emittent għandu jiddikjara b'mod espliċitu li ma għandux kapital operatorju suffiċjenti biex jissodisfa r-rekwiżiti attwali tiegħu. Wara din id-dikjarazzjoni, dan għandu jipprovd informazzjoni dwar il-fatturi elenkat fil-paragrafu 140 sabiex jiżgura li l-investituri jkunu infurmati bis-sħiħ rigward il-pożizzjoni reali tal-kapital operatorju tal-emittent.
142. Iż-żmien: In-nuqqas tal-kapital operatorju jista' jinqala' b'mod immedjat jew f'xi żmien fil-futur, u l-investituri jeħtieġu informazzjoni dwar iż-żmien biex jevalwaw l-urġenza tal-

problema. Għaldaqstant, l-emittent għandu jiddikjara meta jistenna li jispicċċa l-kapital operatorju.

143. **Id-defiċit:** Biex l-investituri jkunu jistgħu jifhmu l-kobor tal-problema, l-emittent għandu jiddikjara l-ammont approssimattiv tad-defiċit tal-kapital operatorju.
144. **Il-pjan ta' azzjoni:** L-emittent għandu jiddeskrivi kif beħsiebu jippjana li jirranġa n-nuqqas fil-kapital operatorju. Id-deskrizzjoni għandha tħalli dwej l-azzjonijiet spēċifiċi proposti, pereżempju l-finanzjament mill-ġdid, in-neozjar mill-ġdid ta' jew termini / faċilitajiet ta' kreditu ġodda, it-naqqis fin-nefqa kapitali diskrezzjonali, l-istrateġija / il-programm ta' akkwist riveduti jew il-bejgħ ta' assi. L-emittent għandu jispjega ż-żmien tal-azzjonijiet proposti u kemm huwa kufidenti li dawn se jirnexxu.
145. **L-implikazzjonijiet:** Fejn rilevanti, l-emittent għandu jiddikjara l-konsewzenzi ta' kwalunkwe azzjoni proposta fil-pjan ta' azzjoni li ma tkunx ta' suċċess (pereżempju jekk l-emittent x'aktarx jidħol f'amministrazzjoni jew riċevitura u, jekk dan iseħħi, meta).

### **Ir-regoli għall-kalkolu tal-kapital operatorju**

*L-Artikolu 12 (l-Anness 11, il-Punt 3.1), l-Artikolu 13 (l-Anness 12, il-Punt 3.3), l-Artikolu 14 (l-Anness 13, il-Punt 1.1) u l-Artikolu 30 (l-Anness 26, it-Taqsima 2 u l-Punt 2.1) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni.*

146. **Linja Gwida 33: Meta l-emittent jikkalkula l-kapital operatorju tiegħu, dan għandu jgħodd biss ir-rikavat minn offerta jekk l-offerta tkun sottoskritta fuq bażi ta' impenn sod jew jekk ingħataw sottskrizzjonijiet irrevokabbli. Jekk porzjon biss ta' offerta jiġi sottoskritt jew kopert minn sottoskrizzjonijiet irrevokabbli, dak il-porzjon biss tal-offerta jista' jiġi inkluż fil-kalkolu tal-kapital operatorju. L-emittent ma għandux jgħodd tali rikavat meta jikkalkula l-kapital operatorju tiegħu jekk l-investituri jkunu esposti għar-riskju li l-emittent ikompli b'offerta wara li l-ftehim ta' sottoskriżżoni jkun ġie kkanċellat jew jiġu rtirati s-sottoskriżzonijiet irrevokabbli.**
147. L-investituri ma għandhomx ikunu kkonfrontati b'inċertezza dwar il-kwalità tas-sottoskriżżoni meta jissottoskrivu għall-ishma tagħhom. Dan huwa partikolarment il-każ meta l-emittent jgħodd ir-rikavat mill-offerta meta jkun qed jikkalkula l-kapital operatorju tiegħu. Bħala tali, l-emittent għandu jikkunsidra kwalunkwe kondizzjonali fil-ftehim ta' sottoskriżżoni jew impenji irrevokabbli li tippermetti l-kanċellazzjoni tal-ftehim ta' sottoskriżżoni jew tas-sottoskriżżonijiet irrevokabbli.
148. L-emittent ma għandux jinkludi r-rikavat minn offerta meta jkun qed jikkalkula l-kapital operatorju tiegħu jekk ikun meħtieġ li jsir kwalunkwe suppożżizzjoni sinifikanti dwar jekk l-offerta tiġix sottoskrittew jew jekk tiġix irtrirata kwalunkwe sottoskriżżoni. Barra minn hekk, jekk emittent jinkludi kwalunkwe rikavat minn offerta fil-kalkolu tal-kapital operatorju tiegħu, għandu jkun ċar fl-iżvelar ipprovdut skont il-Punt 5.1.4 tal-Anness 11 għar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni li l-offerta ma titkompliex jekk ma tibqax aktar sottoskriitta jew jekk jiġu rtirati s-sottoskriżżonijiet irrevokabbli.

149. Kif imsemmi hawn fuq, l-investituri lanqas ma għandhom jiġu kkonfrontati bi kwalunkwe inċertezza fir-rigward tal-kwalità tas-sottoskrizzjoni u bi kwalunkwe sottoskrizzjoni irrevokabbli. Tali inċertezza tinkludi wkoll kwalunkwe riskju ta' kreditu fir-rigward ta' kwalunkwe parti li tissottoskrivi l-offerta jew li tiprovd i-sottoskrizzjonijiet irrevokabbli. Sabiex tiġi limitata tali inċertezza, l-emittent għandu jivaluta r-riskju tal-kreditu assoċjat mal-partijiet li jissottoskrivu l-offerta jew li jiprovdu sottoskrizzjonijiet irrevokabbli. Jekk l-eżitu ta' din il-valutazzjoni jkun li hemm riskju materjali li parti waħda jew aktar li jissottoskrivu l-offerta jew li jiprovdu sottoskrizzjonijiet irrevokabbli ma jkunux jistgħu jissodisfaw l-obbligi tagħhom, l-emittent ma għandux jinkludi r-rikavat mill-offerta fil-kalkolu tal-kapital operatorju tiegħi.
150. Huma biss l-offerti li jkunu sottoskritti fuq bażi ta' impenn sod u s-sottoskrizzjonijiet irrevokabbli li għandhom jiġu inklużi fil-kalkolu tal-kapital operatorju ta' emittent. Dan jiġura li jkun hemm ġertezza dwar ir-rikavat minn offerta. Biex jiġi evitat kull dubju, intenzjoni jew ftehim għas-sottoskrizzjoni ta' offerta ta' titoli mhuwiex impenn sod jew sottoskrizzjoni irrevokabbli.
151. Sabiex jiġi kkunsidrat ir-rikavat minn offerta fil-kalkolu tal-kapital operatorju ta' emittent, l-emittent għandu jkun jaf l-ammont minimu ta' rikavat mill-offerta li għandu jiġi sottoskrift jew imqiegħed permezz ta' sottoskrizzjonijiet irrevokabbli. Ir-rikavat mill-offerta ma għandux jiġi inkluż fil-kalkolu tal-kapital operatorju tal-emittent jekk l-emittent ma jistax jikkalkula d-dħul nett tal-offerta (pereżempju fiċ-ċirkostanzi fejn ma hemm l-ebda prezzi minimu jew il-ftehim ta' sottoskrizzjoni ma jiggarrantixx ammont minimu ta' rikavat).

#### **Ir-regoli għall-kalkolu tar-rekwiżiti attwali**

*L-Artikolu 12 (l-Anness 11, il-Punt 3.1), l-Artikolu 13 (l-Anness 12, il-Punt 3.3), l-Artikolu 14 (l-Anness 13, il-Punt 1.1) u l-Artikolu 30 (l-Anness 26, it-Taqsima 2 u l-Punt 2.1) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni.*

152. **Linja Gwida 34: Għall-fini tad-dikjarazzjoni tal-kapital operatorju u f'konformità mad-durata tal-validità tal-prospett stabbilita fl-Artikolu 12 tar-Regolament dwar il-Prospett, l-emittent għandu jgħodd fil-kapital operatorju tiegħi l-ammonti kollha li jkunu raġonevolment mistennija li jiġu riċevuti jew li jaqgħu minħabba li dovuti jitħallsu għal minimu tat-12-il xahar li ġejjin mid-data tal-approvazzjoni tal-prospett meta jiġu kkalkulati r-rekwiżiti attwali tiegħi. Jekk dan ikun għamel impenn sod biex jakkwista entità oħra fit-12-il xahar wara d-data tal-approvazzjoni tal-prospett, dan għandu jinkludi l-impatt tal-akkwist meta jkun qed jikkalkula r-rekwiżiti attwali tiegħi.**
153. Meta jkun qed jikkalkula r-rekwiżiti attwali tiegħi, l-emittent għandu jikkunsidra l-azzjonijiet previsti fl-istratgeġja tiegħi (Pereżempju, l-istratgeġja tal-emittent tipprevedi l-infiq relataf mar-riċerka u l-iżvilupp jew mat-tagħmir).
154. Fejn l-emittent ikun konxju mid-diffikultajiet tal-kapital operatorju li jistgħu jinqalgħu aktar minn 12-il xahar wara d-data tal-approvazzjoni tal-prospett, il-persuni responsabbi mill-prospett għandhom jikkunsidraw li jinkludu żvelar supplimentari fil-prospett.

### It-tħejjija fuq bażi kkonsolidata

L-Artikolu 12 (I-Anness 11, il-Punt 3.1), I-Artikolu 13 (I-Anness 12, il-Punt 3.3), I-Artikolu 14 (I-Anness 13, il-Punt 1.1) u I-Artikolu 30 (I-Anness 26, it-Taqsima 2 u I-Punt 2.1) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni, li jingraw fid-dawl tal-prinċipju għall-inklużjoni ta' informazzjoni kkonsolidata fil-prospett fl-Artikolu 2 (I-Anness 1, il-Punt 18.1.6), I-Artikolu 7 (I-Anness 6, il-Punt 11.1.6), I-Artikolu 8 (I-Anness 7, il-Punt 11.1.5), I-Artikolu 28 (I-Anness 24, il-Punt 5.1.6) u I-Artikolu 29 (I-Anness 25, il-Punt 5.1.6) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni.

- 155. Linja Gwida 35:** F'konformità mar-rekwiżit għall-inklużjoni ta' dikjarazzjonijiet finanzjarji kkonsolidati fil-prospett fejn tali dikjarazzjonijiet jiġu mħejjija, meta emittent iħejji d-dikjarazzjoni tal-kapital operatorju tiegħu, dan għandu jiddetermina l-kapital operatorju u r-rekwiżiti attwali fuq bażi kkonsolidata.
156. Għal emittent li jkun il-kumpanija prinċipali ta' grupp, l-investitur qiegħed fil-fatt jinvesti fin-negozju tal-grupp kollu u din hija l-bażi li fuqha tiġi ppreżentata l-informazzjoni. Bħala tali, l-informazzjoni finanzjarja fil-prospett tiġi ppreżentata fuq bażi kkonsolidata, u dan il-prinċipju għandu japplika wkoll għad-dikjarazzjoni tal-kapital operatorju. Meta jkun qed jiddetermina l-kapital operatorju tiegħu u r-rekwiżiti attwali, l-emittent għandu jikkunsidra, fost affarijiet oħra, in-natura tal-arranġamenti tal-grupp u kwalunkwe restrizzjoni fuq it-trasferiment ta' fondi bejn is-sussidjarji (pereżempju, fejn ikunu involuti s-sussidjarji barranin).

### Istutuzzjonijiet ta' kreditu

L-Artikolu 12 (I-Anness 11, il-Punt 3.1), I-Artikolu 13 (I-Anness 12, il-Punt 3.3), I-Artikolu 14 (I-Anness 13, il-Punt 1.1) u I-Artikolu 30 (I-Anness 26, it-Taqsima 2 u I-Punt 2.1) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni.

- 157. Linja Gwida 36:** Meta jkun qed jiddetermina l-kapital operatorju tiegħu, emittent li jkun istituzzjoni ta' kreditu<sup>29</sup> għandu jieħu l-metriċi tal-likwidità tiegħu u r-rekwiżiti prudenzjali applikabbli rilevanti bħala l-punt tat-tluq. L-emittent għandu jikkunsidra l-informazzjoni kollha disponibbi li jista' jkollha impatt materjali fuq ir-riskju ta' likwidità u l-proporzjonijiet tal-adegwatezza kapitali pproġettati tiegħu.
158. L-emittenti li jkunu istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jipprovdu dikjarazzjoni tal-kapital operatorju f'konformità mar-regoli ġenerali stabbiliti fil-Linji Gwida 29-35 meta joħorġu titoli ta' ekwid. Madankollu, din id-dikjarazzjoni għandha titfassal fuq bażi li tirrifletti l-ispeċificajiet tal-mudell tan-negozju tagħhom billi jserraħ fuq ir-rekwiżiti prudenzjali applikabbli rilevanti, għajnej meta s-serħan fuq dawn ir-rekwiżiti jirrendi d-dikjarazzjoni tal-kapital operatorju qarrieqa. L-istituzzjonijiet ta' kreditu tal-UE għandhom jużaw il-proporzjonijiet applikabbli meħtieġa mil-leġiżlazzjoni tal-UE<sup>30</sup> biex jikkalkulaw il-likwidità. B'mod partikolari, dawn l-istituzzjonijiet għandhom jikkunsidraw l-użu tal-Proporzjon ta'

<sup>29</sup> Kif definit fl-Artikolu 2(g) tar-Regolament dwar il-Prospett.

<sup>30</sup> Regolament (UE) Nru 575/2013; ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/61; ir-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 680/2014.

Kopertura tal-Likwidità u l-Proporzjon ta' Finanzjament Stabbli Nett (jew kwalunkwe dispożizzjoni ta' finanzjament stabbli nazzjonali applikabbi qabel ma l-Proporzjon ta' Finanzjament Stabbli Nett ikun meħtieġ mil-leġiżlazzjoni tal-UE) biex jikkalkulaw il-likwidità. L-istess japplika għal istituzzjonijiet ta' kreditu ta' pajiżi terzi li jikkalkulaw dawn il-proporzjonijiet. L-istituzzjonijiet ta' kreditu ta' pajiżi terzi li ma jikkalkulawx dawn il-proporzjonijiet għandhom minflok jużaw proporzjonijiet konsistenti mal-qafas legali applikabbi fil-ġurisdizzjonijiet tagħhom biex jikkalkulaw il-likwidità.

159. Barra minn hekk, l-istituzzjonijiet ta' kreditu tal-UE għandhom jikkunsidraw il-proporzjonijiet tal-adegwatezza kapitali pproġettati tagħhom. B'mod partikolari, dawn l-istituzzjonijiet għandhom jikkunsidraw il-proporzjonijiet iproġettati tagħhom fil-livelli CET 1 u TCR u l-proporzjonijiet ta' ingranaġġ iproġettati abbażi tal-każ u l-agħar xenarju possibbi raġonevoli. L-istess japplika għal istituzzjonijiet ta' kreditu ta' pajiżi terzi li jikkalkulaw dawn il-proporzjonijiet. L-istituzzjonijiet ta' kreditu ta' pajiżi terzi li ma jikkalkulawx dawn il-proporzjonijiet għandhom minflok jużaw proporzjonijiet konsistenti mal-qafas legali applikabbi fil-ġurisdizzjonijiet tagħhom.
160. Meta jieħu l-metriċi tiegħi bħala l-punt tat-tluq biex jiddetermina l-kapital operatorju tiegħi, l-emittent għandu jagħmel użu mill-proporzjon(ijiet) ikkalkulat(i) l-aktar riċenti. Fejn proporzjon jiġi kkalkulat diversi xħur qabel id-data tal-approvazzjoni tal-prospett, l-emittent għandu jikkunsidra l-avvenimenti kollha mid-data tal-kalkolu li setgħu affettaw il-likwidità tiegħi u r-rekwiżiti kapitali regolatorji tiegħi.
161. Ir-rekwiżit għall-użu ta' proporzjonijiet prudenziali applikabbi għat-ħejja tad-dikjarazzjoni tal-kapital operatorju ma jfissix li l-istituzzjonijiet ta' kreditu huma meħtieġa jiżvelaw dawn il-proporzjonijiet fil-prospett.

### **Impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni**

*L-Artikolu 12 (l-Anness 11, il-Punt 3.1), l-Artikolu 13 (l-Anness 12, il-Punt 3.3), l-Artikolu 14 (l-Anness 13, il-Punt 1.1) u l-Artikolu 30 (l-Anness 26, it-Taqsima 2 u l-Punt 2.1) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni.*

162. **Linja Gwida 37: Meta jkun qed jiddetermina l-kapital operatorju tiegħi, emittent li jkun impriżi tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni<sup>31</sup> għandu jieħu l-metriċi tal-likwidità li ġew miftiehma mal-awtorită superviżorja u r-rekwiżiti kapitali regolatorji bħala l-punt tat-tluq.**
163. L-emittenti li jkunu impriżi tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni għandhom jipprovdu dikjarazzjoni tal-kapital operatorju f'konformità mar-regoli ġenerali stabbiliti fil-Linji Gwida 29-35 meta joħorġu titoli ta' ekwitat. Madankollu, din id-dikjarazzjoni għandha titfassal fuq bażi li tirrifletti l-ispeċifiċitajiet tal-mudell tan-negożju tagħhom billi sserraħ fuq ir-rekwiżiti prudenziali applikabbi rilevanti, għajnej meta s-serħan fuq dawn ir-rekwiżiti jirrendi d-dikjarazzjoni tal-kapital operatorju qarreqa. L-impriżi tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni tal-UE għandhom jużaw il-metriċi li jkunu adottaw u ssottomettew lill-

<sup>31</sup> Kif definit fl-Artikolu 13(1) u (4) tad-Direttiva dwar is-Solvabilità II.

awtorità superviżorja għall-monitoraġġ tar-riskju tal-likwidità tagħhom skont ir-reġim ta' Solvibbiltà II,<sup>32</sup> inkluż ir-Rekwiżit Kapitali Minimu, kif ukoll il-proporzjonijiet tal-adegwatezza kapitali tagħhom. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni ta' pajjiżi terzi għandhom jużaw metriċi konsistenti mal-qafas legali applikabbli dwar is-superviżjoni prudenzjali fil-ġurisdizzjonijiet tagħhom.

164. L-emittent għandu jagħmel użu mill-metriċi kkalkulati l-aktar riċenti meta jkun qed jiddetermina l-kapital operatorju tiegħu. Fejn metrika tiġi kkalkulata diversi xhur qabel id-data tal-approvazzjoni tal-prospett, l-emittent għandu jikkunsidra l-avvenimenti kollha mid-data tal-kalkolu li setgħu affettaww ir-riskju tal-likwidità u r-rekwiżiti kapitali regolatorji tiegħu.
165. Ir-rekwiżit għall-użu ta' metriċi prudenzjali applikabbli għat-tħejjija tad-dikjarazzjoni tal-kapital operatorju ma jfissirx fih innifsu li l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni huma meħtieġa jiżvelaw dawn il-metriċi fil-prospett.

## V.9. Kapitalizzazzjoni u dejn

### Dikjarazzjoni tal-kapitalizzazzjoni

*L-Artikolu 12 (l-Anness 11, il-Punt 3.2), l-Artikolu 13 (l-Anness 12, il-Punt 3.4), l-Artikolu 14 (l-Anness 13, il-Punt 1.2) u l-Artikolu 30 (l-Anness 26, il-Punt 2.2) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni.*

166. **Linja Gwida 38: Il-persuni responsabbi mill-prospett għandhom jinkludu l-kontenut stabbilit hawn taħt meta jkunu qed iħejju d-dikjarazzjoni tal-kapitalizzazzjoni:**

<b>Dejn kurrenti totali</b> (inkluż il-porzjon kurrenti ta' dejn mhux kurrenti) .....	
- Garantit.....	
- Sikur .....	
- Mhux garantit / mhux sikur.....	
<b>Dejn mhux kurrenti totali</b> (minbarra l-porzjon kurrenti ta' dejn mhux kurrenti).....	
- Garantit.....	
- Sikur .....	
- Mhux garantit / mhux sikur.....	
<b>Ekwità tal-azzjonisti</b> .....	
- Kapital azzjonarju .....	
- Riżerva/Riżervi legali .....	
- Riżervi oħrajn.....	
<b>Total</b> .....	

<sup>32</sup> Direttiva dwar Solvibbiltà II; Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/35 u miżuri ta' implementazzjoni relatati.

167. Jekk xi ħaġa flinjal fit-tabella ta' hawn fuq ma tkunx applikabbi fl-Istat Membru fejn I-emittent fassal I-informazzjoni finanzjarja tiegħu, pereżempju minħabba li I-qafas legali tal-emittent ma jirrikjedix dan, il-persuni responsabbi mill-prospett għandhom jadattaw id-dikjarazzjoni tal-kapitalizzazzjoni fuq diskussjoni mal-awtorità kompetenti.
168. Meta I-emittent ikollu *dejn kurrenti* jew *mhux kurrenti li huwa garantit minn entità oħra*, jiġifieri I-obbligu tad-dejn jintrefa' minn parti terza f'każ ta' inadempjenza tal-emittent, il-persuni responsabbi mill-prospett għandhom jiddeskrivu liema tipi ta' garanziji japplikaw. Meta I-emittent ikollu *dejn kurrenti sikur* jew *mhux kurrenti sikur*, jiġifieri d-dejn huwa sostnut minn kollateral, il-persuni responsabbi mill-prospett għandhom jiddeskrivu t-tipi ta' assi użati biex jiġi assigurat id-dejn.
169. *Riserva/Riżervi legali* u *Riservi oħra* ma għandhomx jinkludu I-profitt u t-telf tal-perjodu ta' rappurtar. Għaldaqstant, il-persuni responsabbi mill-prospett mhumiex mistennija li jikkalkulaw il-profitt u t-telf tal-perjodu tar-rappurtar għall-fini tad-dikjarazzjoni tal-kapitalizzazzjoni.
170. L-istituzzjonijiet ta' kreditu u I-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom jadattaw it-tabella pprovdu hawn fuq għall-mudell tan-negożju tagħhom billi jiffokaw fuq ir-rekwiżiți prudenzjali tagħhom relatati mal-kapital regolatorju. Dan ma jfissirx li I-istituzzjonijiet ta' kreditu u I-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jkunu meħtieġa jiżvelaw informazzjoni prudenzjali li mhumiex diġà meħtieġa jiżvelaw skont ir-rekwiżiți tal-Pilastru 3.
171. Meta n-negożju tal-emittent ikun reċementement għaddha minn bidla, il-persuni responsabbi mill-prospett jistgħu juru din il-bidla billi jippreżentaw kolonna addizzjonal fid-dikjarazzjoni tal-kapitalizzazzjoni. Meta jkunu qed jiddeterminaw jekk dan huwiex permissibbli, huma għandhom japplikaw ir-regoli li ġejjin:
  - a. meta I-bidla tkun attivat ir-rekwiżit biex tiġi inkluża informazzjoni finanzjarja proforma fil-prospett, il-persuni responsabbi mill-prospett jistgħu jippreżentaw kolonna addizzjonal fid-dikjarazzjoni tal-kapitalizzazzjoni. Il-kolonna addizzjonal għandha tkun konsistenti mal-informazzjoni finanzjarja proforma ppreżentata xi mkien ieħor fil-prospett u l-aġġustamenti jistgħu jiġi spiegati billi ssir referenza għal dik I-informazzjoni;
  - b. meta I-bidla ma tkunx attivat ir-rekwiżit biex tiġi inkluża informazzjoni finanzjarja proforma fil-prospett:
    - (1) meta I-bidla kienet kumplessa (eż. akkwist li ma jikkostitwixx bidla grossa sinifikanti):
      - (a) jekk il-persuni responsabbi mill-prospett jinkludu informazzjoni finanzjarja proforma fil-prospett fuq bażi volontarja skont il-Linjal Gwida 26, dawn jistgħu jippreżentaw kolonna addizzjonal kif xieraq;

- (b) jekk il-persuni responsabbi mill-prospett ma jinkludux informazzjoni finanzjarja proforma fil-prospett, dawn jistgħu jippreżentaw kolonna addizzjonali biss jekk tkun tintiehem u tkun tista' tiġi analizzata b'mod faċċi;
- (2) meta l-bidla kienet sempliċi (eż. il-konverżjoni ta' dejn f'ekwità), il-persuni responsabbi mill-prospett jistgħu normalment jippreżentaw kolonna addizzjonali. Jekk il-kolonna addizzjonali tikkonsisti f'ċifri illustrativi, eż. ċifri li jkopru l-ewwel sitt xħur ta' sena aġġustati b'konverżjoni tal-kapital imwettqa f'Lulju, il-persuni responsabbi mill-prospett għandhom jagħtu attenzjoni speċjali lill-komprensibbiltà taċ-ċifri u jispiegaw l-aġġustamenti fid-dettall.
172. Bidliet reċenti jistgħu jiġu ppreżentati wkoll permezz tal-inklużjoni taċ-ċifri reali fid-dikjarazzjonijiet tal-kapitalizzazzjoni.
173. B'mod simili, meta l-emittent ikun quddiem bidla futura, il-persuni responsabbi mill-prospett jistgħu juru din il-bidla billi jippreżentaw kolonna addizzjonali fid-dikjarazzjoni tal-kapitalizzazzjoni. Meta jkunu qed jiddeterminaw jekk dan huwiex permissibbli, huma għandhom japplikaw ir-regoli li ġejjin:
- a. meta l-bidla tkun attivat ir-rekwiżit biex tiġi inkluża informazzjoni finanzjarja proforma fil-prospett, il-persuni responsabbi mill-prospett jistgħu jippreżentaw kolonna addizzjonali fid-dikjarazzjoni tal-kapitalizzazzjoni. Il-kolonna addizzjonali għandha tkun konsistenti mal-informazzjoni finanzjarja proforma ppreżentata xi mkien ieħor fil-prospett u l-aġġustamenti jistgħu jiġi spjegati billi ssir referenza għal din l-informazzjoni;
  - b. meta l-bidla ma tkunx attivat ir-rekwiżit biex tiġi inkluża informazzjoni finanzjarja proforma fil-prospett (eż. ftehim vinkolanti biex jitwettaq akkwist li ma jikkostitwixx impenn finanzjarju sinifikanti, iffinanzjat minn żieda fil-kapital):
    - (1) il-persuni responsabbi mill-prospett jistgħu jippreżentaw kolonna addizzjonali biex juru l-eżitu possibbli taż-żieda fil-kapital, sakemm jiġguraw li l-kolonna ma tagħtix l-impressjoni li l-eżitu huwa ġert, sakemm dan ma jkunx minnu. Il-persuni responsabbi mill-prospett għandhom jiddeskrivu l-aġġustamenti magħmula u s-suppożizzjonijiet sottostanti tagħhom. Jekk l-ishma jiġu offruti fuq firxa ta' prezzi, il-persuni responsabbi mill-prospett għandhom jużaw il-prezz minimu meta jikkalkulaw ir-rikavat tal-offerta possibbli, sakemm ma jkunx hemm raġunijiet speċjali għall-użu ta' prezz differenti. Dawn għandhom jikkunsidraw ukoll l-ispejjeż tat-tranżazzjonijiet;
    - (2) il-persuni responsabbi mill-prospett għandhom jippreżentaw biss bidliet futuri potenzjali oħrajn mill-eżitu taż-żieda fil-kapital jekk ikunu fattwalment appoġġabbli. Jekk l-eżitu futur ikun wieħed inċert, bħal meta emittent jixtieq jippreżenta bidla futura fl-istruttura tad-dejn tiegħu anke jekk in-negożjati mal-istituzzjoni(jiet) ta' kreditu jkunu għadhom mhux

kompluti, il-preżentazzjoni ta' kolonna addizzjonali li tirrifletti l-eżitu potenzjali tista' tipperikola l-komprensibbiltà u l-analizzibbiltà tal-prospett u għaldaqstant normalment ma tkunx permessa.

174. Minħabba l-effetti limitati tagħha, is-sempliċi inklużjoni ta' kolonna addizzjonali fid-dikjarazzjoni tal-kapitalizzazzjoni biex jiġu ppreżentati bidliet riċenti jew futuri normalment ma tattivax ir-rekwiżit biex tiġi inkluża informazzjoni finanzjarja proforma fil-prospett skont l-Anness 20 għar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni.

#### Dikjarazzjoni tad-dejn

*L-Artikolu 12 (l-Anness 11, il-Punt 3.2), l-Artikolu 13 (l-Anness 12, il-Punt 3.4), l-Artikolu 14 (l-Anness 13, il-Punt 1.2) u l-Artikolu 30 (l-Anness 26, il-Punt 2.2) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni.*

175. **Linja Gwida 39: Il-persuni responsabbi mill-prospett għandhom jinkludu l-kontenut stabbilit hawn taħt meta jħejju d-dikjarazzjoni tad-dejn.**

A	Flus kontanti .....
B	Ekwivalenti ta' flus .....
C	Assi finanzjarji kurrenti oħrajn .....
D	<b>Likwidità (A + B + C) .....</b>
E	Dejn finanzjarju kurrenti (inklużi strumenti ta' dejn, iżda eskluż il-porzjon kurrenti ta' dejn finanzjarju mhux kurrenti) .....
F	Il-porzjon kurrenti ta' dejn finanzjarju mhux kurrenti .....
G	<b>Dejn finanzjarju kurrenti (E + F) .....</b>
H	<b>Dejn finanzjarju nett kurrenti (G - D) .....</b>
I	Dejn finanzjarju mhux kurrenti (minbarra l-porzjon kurrenti u l-strumenti ta' dejn) .....
J	Strumenti ta' dejn .....
K	Kummerċ mhux kurrenti u ammonti pagabbli oħrajn .....
L	<b>Dejn finanzjarju mhux kurrenti (I + J + K) .....</b>
M	<b>Dejn finanzjarju totali (H + L) .....</b>

176. Jekk punt f'linja fit-tabella ta' hawn fuq ma jkunx applikabbi fl-Istat Membru fejn l-emittent fassal l-informazzjoni finanzjarja tiegħi, pereżempju minħabba li l-qafas legali tal-emittent ma jirrikjedix dan, il-persuni responsabbi mill-prospett għandhom jadattaw id-dikjarazzjoni tad-dejn fuq diskussjoni mal-awtorità kompetenti.

177. Fejn l-emittent ikun meħtieġ li jħejji dikjarazzjonijiet finanzjarji kkonsolidati, il-persuni responsabbli mill-prospett għandhom jikkalkulaw id-dejn fuq bażi kkonsolidata.
178. Fejn l-emittent ikollu *ekwivalenti ta' flus*, il-persuni responsabbli mill-prospett għandhom jipprovu dettalji dwar x'fihom dawn. Il-persuni responsabbli mill-prospett għandhom jiżvelaw kwalunkwe restrizzjoni fuq id-disponibbiltà tal-flus u tal-ekwivalenti tal-flus.
179. Assi *finanzjarji kurrenti oħrajin* għandhom ikopru l-assi finanzjarji (pereżempju titoli miżmura għall-kummerċ) li mhumiex (i) flus, (ii) ekwivalenti ta' flus jew (iii) derivattivi użati għal skopijiet ta' ħeġġar.
180. *Dejn finanzjarju* għandu jkopri d-dejn li huwa remunerat (jiġifieri d-dejn bl-imgħax) li jinkludi, fost oħrajin, l-obbligazzjonijiet finanzjarji relatati ma' kirjet fuq terminu qasir u / jew fuq terminu twil. Il-persuni responsabbli mill-prospett għandhom jiċċaraw f'paragrafu wara d-dikjarazzjoni tad-dejn jekk *id-dejn finanzjarju* jinkludix kwalunkwe obbligazzjoni relatata ma' kirjet, u meta dan ikun minnu, għandhom jipprovu l-ammont tal-obbligazzjonijiet ta' kirja fuq terminu qasir u / jew fuq terminu twil.
181. *Id-dejn finanzjarju kurrenti* għandu jinkludi l-strumenti ta' dejn li jistgħu jinfidew fit-12-il xahar li ġejjin.
182. *Porzjon kurrenti tad-dejn finanzjarju* mhux kurrenti tfisser il-porzjon tad-dejn finanzjarju mhux kurrenti li għandu jitħallas lura fi żmien 12-il xahar mid-data tal-approvazzjoni tal-prospett.
183. *Kummerċ mhux kurrenti u ammonti pagabbli oħrajin* għandhom jinkludu d-dejn mhux remunerat li għalihem hemm komponent ta' finanzjament sinifikanti, jew b'mod impliċitu jew b'mod esplici, pereżempju d-dejn lil *fornituri lil hinn minn perjodu ta' 12-il xahar*. Kwalunkwe self mingħajr imgħax għandu jiġi inkluż ukoll f'dan il-punt f'linja.
184. Meta jkunu qed jivalutaw jekk l-ammonti pagabbli tal-kummerċ mhux kurrenti għandhomx komponent ta' finanzjament sinifikanti, il-persuni responsabbli mill-prospett għandhom jikkunsidraw (permezz ta' analoġija) il-gwida pprovduta fil-paragrafi 59 sa 62 tal-IFRS 15 *Dħul minn Kuntratti mal-Klijenti* kif approvat mill-UE.
185. Id-dejn indirett u kontinġenti huwa maħsub biex jipprovd i-l-investituri ħarsa ġenerali ta' kwalunkwe dejn materjali li mhuwiex rifless fid-dikjarazzjoni tad-dejn. Bħala tali, sakemm ma jkunx digħi inkluż fid-dikjarazzjoni tad-dejn (minħabba li huwa rikonoxxut fid-dikjarazzjoni finanzjarja bħala obbligazzjoni finanzjarja), id-dejn indirett u kontinġenti ma għandux jiġi inkluż fid-dikjarazzjoni tad-dejn innifisha, iżda bħala narrattiva f'paragrafu separat wara d-dikjarazzjoni. In-narrattiva għandu jkun fiha informazzjoni dwar l-ammont ta' dejn indirett u kontinġenti u tanalizza n-natura ta' dawn l-elementi.
186. Il-persuni responsabbli mill-prospett għandhom jikkunsidraw kwalunkwe obbligu materjali li ma jkunx ġie rikonoxxut direttament mill-emittent ikkunsidrat fuq bażi kkonsolidata, iżda li l-emittent ikollu jissodisfa f'ċerti ċirkostanzi, bħala dejn indirett jew kontinġenti. Barra minn hekk, id-dejn indirett jinkludi wkoll l-ammont totali massimu pagabbli b'rabta ma' kwalunkwe obbligu li jkun sar mill-emittent, iżda li għad irid ikollu l-

ammont finali tiegħu vvalutat b'ċertezza, irrispettivament mill-ammont attwali probabbli pagabbi taħt dan l-obbligu fi kwalunkwe mument fil-ħin. Eżempji ta' dejn materjali indirett jew kontinġenti jinkludu:

- (i) id-dispożizzjonijiet rikonoxxuti fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji (bħal dispożizzjonijiet għal obbligazzjonijiet tal-pensjoni jew għal kuntratti onerużi);
  - (ii) garanzija biex jiġi onorat self bankarju lil entità li mhix fil-grupp tal-emittent, f'każ ta' inadempjenza tal-entità fuq il-ħlasijiet lura tas-self;
  - (iii) impenn sod għall-akkwist jew il-bini ta' assi fit-12-il xahar li ġejjin. Pereżempju, l-entità ffirmat kuntratt li fuqu timpenja ruħha li takkwista assi tanġibbli;
  - (iv) tariffi f'każ ta' xoljiment jew kwalunkwe kumpens li jrid jitħallas mill-emittent fit-12-il xahar li ġejjin jekk l-emittent jistenna li jfalli kwalunkwe impenn kuntrattwali;
  - (v) impenji ta' kiri li mhumiex rikonoxxuti bħala obbligazzjonijiet fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji tal-emittent u għaldaqstant inklużi fid-dikjarazzjoni tad-dejn;
  - (vi) ammonti relatati ma' fatturament bil-maqlub sal-punt li tali ammonti ma jkunux digħi inklużi fid-dikjarazzjoni tad-dejn.
187. L-eżempji ta' hawn fuq fir-rigward ta' x'jikkwalifika bħala dejn indirett jew kontinġenti mhumiex eżawrjenti. Il-persuni responsabbi mill-prospett għandhom jivalutaw jekk għandux jiġi inklużi żvelar addizzjonali fil-prospett relataf ma' impenji sodi li jirriżultaw fi ħruġi materjali mill-emittent.
188. L-istituzzjonijiet ta' kreditu u l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom jadattaw it-tabella pprovdu hawn fuq għall-mudell tan-negożju tagħihom billi jiffokaw fuq ir-rekwiżiti prudenziali tagħihom. Dan ma jfissirx li l-istituzzjonijiet ta' kreditu u l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jkunu meħtieġa jiżvelaw informazzjoni prudenziali li mhumiex digħi meħtieġa jiżvelaw skont ir-rekwiżiti tal-Pilastru 3.
189. Ir-rakkomandazzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 171-174 tal-Linja Gwida 38 japplikaw *mutatis mutandis* għall-inklużjoni ta' kolonna addizzjonali fid-dikjarazzjoni tad-dejn.

## V.10. Remunerazzjoni

### Tipi ta' remunerazzjoni

L-Artikolu 2 (I-Anness 1, il-Punt 13.1) u I-Artikolu 28 (I-Anness 24, il-Punt 4.2.1) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni. Jekk jogħġibok innota wkoll li meta jiġi applikat I-Anness 2 (Dokument tar-Reġistrazzjoni Universal) jew I-Anness 5 (Riċevuti Depożitarji) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni, I-Artikolu 2 (I-Anness 1, il-Punt 13.1) ukoll huwa rilevanti.

190. **Linja Gwida 40: Il-persuni responsabbi mill-prospett għandhom jiżvelaw fil-prospett jekk l-emittent ħallasx kwalunkwe remunerazzjoni skont skema ta' bonus**

**jew ta' kondiżjoni tal-profitti, permezz ta' pagamenti bbażati fuq l-ishma jew ta' kwalunkwe beneficiċċju ieħor in natura.**

191. Fejn ir-remunerazzjoni tkun ġiet ipprovdu skont skema ta' bonus jew ta' kondiżjoni tal-profitti, il-persuni responsabbi mill-prospett għandhom jipprovdu deskrizzjoni tal-pjan u l-bażi li fuqha kwalunkwe persuna pparteċipat fil-pjan. Għall-fini ta' din il-Linja Gwida, skema tinkludi kwalunkwe tip ta' arranġament għar-remunerazzjoni, anke jekk it-termini tal-iskema ma jkunux jinsabu f'dokument formal.
192. Fejn tkun ġiet ipprovdu remunerazzjoni bl-użu ta' pagamenti bbażati fuq l-ishma (eż- opzjonijiet fuq l-istokk, azzjonijiet fantażma, ċertifikati tal-azzjonijiet, drittijiet fuq l-apprezzament tal-azzjonijiet) il-persuni responsabbi mill-prospett għandhom jipprovdu dettalji dwar:
  - (i) l-ammont totali tat-titoli koperti;
  - (ii) il-prezz tal-eżerċitar;
  - (iii) il-kunsiderazzjoni li għaliha kienu jew għandhom jinħolqu l-ħlasijiet ibbażati fuq l-ishma (jekk ikun hemm);
  - (iv) il-perjodu li matulu jistgħu jiġu eżerċitati; u
  - (v) id-data li fiha jiskadu.
193. Jekk jingħata kwalunkwe beneficiċċju ieħor in natura, bħal kura tas-saħħha medika jew trasport, il-persuni responsabbi mill-prospett għandhom jipprovdu dettalji f'dan ir-riġward. Fil-każ ta' beneficiċċji mhux fi flus, għandu jissemma l-valur totali stmat.
194. Fejn disponibbli, il-persuni responsabbi mill-prospett jistgħu jinkludu jew jagħmlu kontroreferenza għar-rapport tar-remunerazzjoni, kif meħtieġ mid-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Azzjonisti, fil-prospett.

## V.11. Tranżazzjonijiet ta' partijiet relatati

### Emittenti li ma japplikawx I-IAS 24

*L-Artikolu 2 (I-Anness 1, il-Punt 17.1), I-Artikolu 4 (I-Anness 3, il-Punt 10.1) u I-Artikolu 28 (I-Anness 24, il-Punt 6.4.1) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni.*

195. **Linja Gwida 41:** Jekk l-emittent ma japplikax I-IAS 24 u jkun daħal fi tranżazzjonijiet ma' partijiet relatati matul (i) il-perjodu kopert mill-informazzjoni finanzjarja storika li hija inkluża fil-prospett u (ii) il-perjodu sad-data tad-dokument tar-reġistrazzjoni, il-persuni responsabbi mill-prospett għandhom jipprovdu

informazzjoni dwar in-natura u I-firxa ta' kwalunkwe tranżazzjoni bħal din li tkun materjali għall-emittent - jew bħala tranżazzjoni unika jew b'mod komplut.<sup>33</sup>

196. Fejn jitħejja dokument tar-reġistrazzjoni għal ħruġ sekondarju ta' titoli ta' ekwitat, għandha tiġi pprovdu l-istess informazzjoni kif stabbilit hawn fuq. Għal ħruġ sekondarju ta' titoli ta' ekwitat, il-perjodu kkonċernat ikun mid-data tal-aħħar dikjarazzjonijiet finanzjarji.<sup>34</sup>
197. Fiż-żewġ każijiet I-iżvelar għandu jinkludi, iżda ma jkunx limitat għal, I-ammont jew il-perċentwal li għaliex it-tranżazzjonijiet ta' partijiet relatati jiffurmaw parti mill-fatturat tal-emittent u I-ammont jew il-perċentwal li għaliex it-tranżazzjonijiet ta' partijiet relatati jiffurmaw parti mill-assi u I-obbligazzjonijiet tal-emittent.
198. Tranżazzjoni ta' parti relatata għandha l-istess tifsira bħal fl-IAS 24. Jekk emittent ma japplikax l-IAS 24, dan għandu jikkonsulta l-IAS 24 biex jifhem it-tifsira ta' tranżazzjoni ta' parti relatata.
199. Għal emittenti li jużaw qafas tal-kontabilità ta' pajjiż terz ekwivalenti għall-IAS / IFRS,<sup>35</sup> jekk il-qafas tal-kontabilità tagħihom jipprovdi dettalji dwar tranżazzjonijiet ta' partijiet relatati, dawn għandhom jikkonsultaw fih id-definizzjoni ta' tranżazzjonijiet ta' partijiet relatati. L-użu ta' dan l-istandard ta' kontabilità ekwivalenti għall-IAS 24 għandu jkun suffiċjenti.
200. Fejn rilevanti, emittent għandu jiddikjara jekk ikunx segwa l-proċess tal-approvażżjoni għal tranżazzjonijiet ta' partijiet relatati u għandu jipprovdi żvelar skont l-Artikolu 9(c) tad-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Azzjonisti.

## V.12. Drittijiet tal-akkwist u impenji għaż-żieda tal-kapital

### Drittijiet tal-akkwist u impenji għaż-żieda tal-kapital

*L-Artikolu 2 (I-Anness 1, il-Punt 19.1.5), I-Artikolu 4 (I-Anness 3, il-Punt 12.1.2) u I-Artikolu 28 (I-Anness 24, il-Punt 6.5.6) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni.*

201. **Linja Gwida 42:** Jekk hemm jew kapital awtorizzat iżda mhux maħruġ jew impenn għaż-żieda tal-kapital tal-emittent, il-persuni responsabbi mill-prospett għandhom jipprovdu l-informazzjoni li ġejja fil-prospett:
  - (i) I-ammont tat-titoli pendent kollha li jagħtu aċċess għall-kapital azzjonarju u I-ammont kapitali / żieda kapitali awtorizzata u, fejn xieraq, it-tul tal-awtorizzazzjoni;

<sup>33</sup> Għal dokument tar-reġistrazzjoni li jikkonċerna t-titoli ta' ekwitat jew dokument tar-reġistrazzjoni tat-Tkabbir tal-UE li jikkonċerna t-titoli ta' ekwitat, il-Punt tal-Anness jirreferi għal “il-perjodu kopert mill-informazzjoni finanzjarja storika inkluża fil-prospett” u “il-perjodu sad-data tad-dokument tar-reġistrazzjoni”.

<sup>34</sup> Fil-każ ta' dokument tar-reġistrazzjoni għal ħruġ sekondarju ta' titoli ta' ekwitat, il-Punt tal-Anness jirreferi għall-perjodu “mid-data tal-aħħar dikjarazzjonijiet finanzjarji”.

<sup>35</sup> Fejn tkun ingħatat l-ekwivalenza skont id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/961/KE u kwalunkwe emenda fiha.

- (ii) il-kategoriji ta' persuni li għandhom drittijiet ta' abbonament preferenzjali għall-porzjonijiet addizzjonali tal-kapital; u
- (iii) it-termini, l-arranġamenti u l-proċeduri għall-ħruġ tal-ishma li jikkorrispondu ma' dawk il-porzjonijiet.
202. Dawn li ġejjin huma eżempji ta' fejn jista' jkun hemm kapital awtorizzat iżda mhux maħruġ jew impenn għaż-żieda tal-kapital: ċertifikati, bonds konvertibbli jew titoli oħra pendent marbuta mal-ekwità, jew drittijiet ta' sottoskrizzjoni mogħtija.
- ### V.13. Ftehimiet dwar l-opzjonijiet
- Il-kumpilazzjoni ta' informazzjoni fir-rigward ta' ftehimiet dwar l-opzjonijiet**
- L-Artikolu 2 (l-Anness 1, il-Punt 19.1 u 19.1.6) u l-Artikolu 28 (l-Anness 24, il-Punt 6.5.1 u 6.5.7) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni.*
203. **Linja Gwida 43:** Fejn entità tal-grupp tal-emittent ikollha kapital li jkun taħt opzjoni, jew li jiġi miftiehem kondizzjonalment jew inkondizzjonalment li jitqiegħed taħt opzjoni, il-persuni responsabbi mill-prospett għandhom jinkludu l-informazzjoni li ġejja:
- (i) it-titulu u l-ammont tat-titoli koperti mill-opzjonijiet;
  - (ii) il-prezz tal-eżerċitar;
  - (iii) il-konsiderazzjoni li għaliha kienu nħolqu / għandhom jinħolqu l-opzjonijiet;
  - (iv) il-perjodu li matulu l-opzjonijiet jistgħu jiġu eżerċitati u d-data ta' skadenza; u
  - (v) id-dilwizzjoni potenzjali konnessa mal-eżerċitar tal-opzjonijiet, sakemm l-effett ma jkunx immaterjali.<sup>36</sup>
204. Fejn l-opzjonijiet jingħataw, jew ikun hemm qbil li jingħataw, lid-detenturi kollha tal-ishma jew titoli mhux ta' ekwità jew ta' kwalunkwe klassi tagħhom, jew lil impjegati taħt skema ta' ishma tal-impjegati, il-persuni responsabbi mill-prospett jistgħu:
- i. jiżvelaw dak il-fatt fil-prospett mingħajr ma jagħtu l-ismijiet tal-persuni li magħħom huma relatati l-opzjonijiet; u
  - ii. jipprovdu firxa ta' prezziżżejjet tal-eżerċitar, perjodi tal-eżerċitar u dati ta' skadenza.

<sup>36</sup> Il-materjalitā f'dan il-kuntest għandha tiġi vvalutata b'referenza għall-Artikolu 6 tar-Regolament dwar il-Prospett. Barra minn hekk, il-persuni responsabbi mill-prospett għandhom jikkunsidraw standards ta' rapportar bħall-IAS 33 (jew rekwiżiti simili fil-qafas tal-kontabilità applikabbli) bħala għajnejna meta jkunu qed jikkonformaw ma' din il-linja gwida.

## V.14. L-istorja tal-kapital azzjonarju

### Bidliet relatati mal-kapital azzjonarju

*L-Artikolu 2 (I-Anness 1, il-Punti 19.1 u 19.1.7) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni.*

- 205. Linja Gwida 44:** **Għall-perjodu kopert minn informazzjoni finanzjarja storika inkluża fil-prospett, il-persuni responsabbi mill-prospett għandhom jipprovd l-informazzjoni li ġejja:**
- (i) **bidliet relatati mal-kapital azzjonarju maħruġ; u**
  - (ii) **il-prezz tal-ishma u dettalji materjali oħra relatati mal-ishma.**
- 206. Bidliet relatati mal-kapital azzjonarju maħruġ:** Dan għandu jinkludi informazzjoni dwar l-avvenimenti li jkunu biddlu l-ammont tal-kapital azzjonarju maħruġ, u għandhom jiġu deskritti n-numru u l-klassijiet tal-ishma li minnhom huwa kompost. Barra minn hekk, għandu jkun hemm deskrizzjoni tal-bidliet fid-drittijiet tal-vot marbuta mad-diversi klassijiet ta' ishma matul dak iż-żmien.
- 207. Il-prezz tal-ishma u dettalji materjali oħra relatati mal-ishma:** Il-prezz ikun relatat mal-prezz tal-ishma li jkunu nħarġu, filwaqt li d-dettalji materjali jistgħu jkunu informazzjoni dwar kunsiderazzjoni fejn din ma tkunx flus (eż. informazzjoni dwar skontijiet, termini speċjali jew pagamenti parżjali).
- 208. Fejn ikun hemm tnaqqis fl-ammont tal-kapital azzjonarju, pereżempju minħabba xiri mill-ġdid ta' ishma jew kanċellazzjonijiet ta' ishma, il-persuni responsabbi mill-prospett għandhom jiżvelaw ir-raġunijiet għal tali tnaqqis u l-proporzjon ta' tnaqqis kapitali.**

## V.15. Deskrizzjoni tad-drittijiet marbuta mal-ishma tal-emittent

### Drittijiet marbuta mal-ishma tal-emittent

*L-Artikolu 2 (I-Anness 1, il-Punt 19.2 u I-Punt 19.2.2) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni.*

- 209. Linja Gwida 45:** **Il-persuni responsabbi mill-prospett għandhom, fejn rilevanti, jipprovd deskrizzjoni ta' mill-anqas dan li ġej:**
- (i) **drittijiet ta' dividend, inkluż il-limitu ta' żmien li warajh jiskadi l-intitolament ta' dividend u indikazzjoni tal-parti li favur tagħha jopera dan l-intitolament;**
  - (ii) **drittijiet tal-vot;**
  - (iii) **drittijiet għal sehem fil-profitt tal-emittent;**
  - (iv) **drittijiet għal sehem fi kwalunkwe surplus fil-każ ta' likwidazzjoni;**

- (v) dispožizzjonijiet dwar it-tifdija;
- (vi) riservi jew dispożizzjonijiet ta' fondi b'ammortizzament progressiv;
- (vii) obbligazzjoni għal aktar sejħiet kapitali mill-emittent; u
- (viii) kwalunkwe dispożizzjoni li tiddiskrimina kontra, jew tiffavorixxi, detenturi eżistenti jew prospettivi ta' tali titoli, bħala riżultat tal-azzjonist li jkollu numru sostanzjali ta' ishma.

## V.16. Dikjarazzjonijiet minn esperti

### Interess materjali

L-Artikolu 2 (I-Anness 1, il-Punt 1.3(d), I-Artikolu 4 (I-Anness 3, il-Punt 1.3(d), I-Artikolu 7 (I-Anness 6, il-Punt 1.3(d), I-Artikolu 8 (I-Anness 7, il-Punt 1.3(d), I-Artikolu 9 (I-Anness 8, il-Punt 1.3(d), I-Artikolu 10 (I-Anness 9, il-Punt 1.3(d), I-Artikolu 11 (I-Anness 10, il-Punt 1.3(d), I-Artikolu 12 (I-Anness 11, il-Punt 1.3(d), I-Artikolu 13 (I-Anness 12, il-Punt 1.3(d), I-Artikolu 15 (I-Anness 14, il-Punt 1.3(d), I-Artikolu 16 (I-Anness 15, il-Punt 1.3(d), I-Artikolu 17 (I-Anness 16, il-Punt 1.3(d), I-Artikolu 28 (I-Anness 24, il-Punt 1.3(d), I-Artikolu 29 (I-Anness 25, il-Punt 1.3(d), I-Artikolu 30 (I-Anness 26, il-Punt 1.3(d) u I-Artikolu 31 (I-Anness 27, il-Punt 1.3(d) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni.

210. Linja Gwida 46: Fejn dikjarazzjoni jew rapport ikunu inklużi fid-dokument ta' reġistrazzjoni jew fin-nota tat-titoli u jiġu attribwiti lil espert, il-persuni responsabbi mill-prospett għandhom jiddeterminaw jekk dan l-expert għandux interessa materjali fl-emittent billi jikkunsidraw il-fatturi li ġejjin:

- (i) is-sjeda ta' titoli;
- (ii) l-impieg preċedenti jew il-kumpens;
- (iii) is-ħubija; u
- (iv) il-konnessjonijiet ma' intermedjarji finanzjarji involuti fl-offerta jew fl-ikkwotar tat-titoli.

211. Jekk wieħed jew aktar minn dawn il-kriterji jiġi ssodisfat, il-persuni responsabbi mill-prospett għandhom jikkunsidraw jekk dan jirriżultax f'interess materjali filwaqt li jitqies it-tip ta' titoli li qed jiġu offruti.

212. Il-persuni responsabbi mill-prospett għandhom jiċċaraw fil-prospett li, sa fejn jafu huma, dawn il-kriterji (jew, jekk hemm, kwalunke kriterju rilevanti ieħor) ġew ikkunsidrati sabiex jiġi deskrīt bis-sħiħ l-interess materjali tal-expert, jekk ikun hemm.

213. Is-sjeda ta' titoli Dan għandu jkun relata t ma' titoli maħruġa mill-emittent, jew minn kwalunkwe kumpanija li tappartjeni għall-istess grupp, jew opzjonijiet għall-akkwist jew is-sottoskrizzjoni għal titoli tal-emittent.
214. L-impjieg preċedenti jew il-kumpens: Dan għandu jkun relata t ma' kwalunkwe impjieg preċedenti mal-emittent jew kwalunkwe forma ta' kumpens preċedentement riċevut mill-emittent.
215. Is-ħubija: Dan għandu jkun relata t ma' kwalunkwe sħubija tal-passat jew attwali fi kwalunkwe korp tal-emittent.
216. Il-konnessjonijiet ma' intermedjarji finanzjarji involuti fl-offerta jew fl-ikkwotar tat-titoli: Dan għandu jkun relata t ma' konnessjonijiet ma' kwalunkwe intermedjarju finanzjarju involut fl-offerta jew fl-ikkwotar tat-titoli tal-emittent.
217. “Espert” jista’ jkun persuna fiżika jew ġuridika.

## V.17. Informazzjoni dwar il-parteċipazzjonijiet

### Kumpilazzjoni ta' informazzjoni dwar il-parteċipazzjonijiet

*L-Artikolu 2 (I-Anness 1, il-Punt 5.7.3) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni.*

218. **Linja Gwida 47: Il-persuni responsabbi mill-prospett għandhom jiżguraw li l-informazzjoni fil-prospett tippermetti li l-investituri jevalwaw in-natura, il-firxa u l-effetti finanzjarji tal-parteċipazzjonijiet. Għal kull negozju konġunt, jew impriża konġunta, li fihom l-emittent ikollu proporzjon tal-kapital, li x'aktarx ikollu effett sinifikanti fuq il-valutazzjoni tal-assi, l-obbligazzjonijiet, il-pożizzjoni finanzjarja u / jew il-profitti u t-telf tal-emittent, għandha tiġi pprovduta, l-informazzjoni li ġejja:**
  - (i) **I-isem, l-uffiċċju reġistrat, il-kamp tal-attività u, jekk disponibbli, LEI;**
  - (ii) **proporzjon tal-kapital – u setgħa tal-vot jekk differenti – miżmuma mill-emittent;**
  - (iii) **riżervi;**
  - (iv) **kapital maħruġ;**
  - (v) **profitt jew telf nett għall-aħħar sena finanzjarja;**
  - (vi) **valur li bih l-emittent juri l-ishma miżmuma fil-kontijiet tiegħu;**
  - (vii) **I-ammont li għad irid jitħallas fuq ishma miżmuma;**
  - (viii) **I-ammont ta' dividendi riċevuti matul l-aħħar sena finanzjarja għal ishma miżmuma; u**

- (ix) I-ammont ta' dejn dovut lill-emittent min-negozju konġunt jew I-impriża konġunta u I-ammont ta' dejn dovut lin-negozju konġunt jew I-impriża konġunta mill-emittent.**
219. Jekk I-emittent ikun ippovda I-informazzjoni meħtieġa minn din il-Linja Gwida fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji kkonsolidati jew separati tiegħu (li jkunu tħejjew jew skont I-IFRS, I-standards ta' kontabilità ekwivalenti ta' pajjiż terz jew I-standards ta' kontabilità nazzjonali ta' Stat Membru) ir-rekwiżiti ta' żvelar taħt din il-Linja Gwida jiġu ssodisfati.
220. Impriża, li fiha I-emittent għandu proporzjon tal-kapital, li x'aktarx ikollha effett sinifikanti fuq il-valutazzjoni tal-assi, I-obbligazzjonijiet, il-pożizzjoni finanzjarja u/jew il-profitti u t-telf tal-emittent tista' tkun, pereżempju, kumpanija assoċjata (jiġifieri impriża li fiha I-emittent ikollu influenza sinifikanti), sussidjarja mhux konsolidata (jiġifieri I-emittent ikun entità tal-investiment) jew partecipazzjon li fiha I-emittent għandu anqas minn 20 % tal-kapital ikkunsidrat bħala investiment finanzjarju.
221. Il-persuni responsabbli mill-prospett għandhom jikkunsidraw li negozju jew impriża konġunti x'aktarx ikollhom effett sinifikanti fuq il-valutazzjoni tal-emittent fir-rigward tal-assi, I-obbligazzjonijiet, il-pożizzjoni finanzjarja u / jew il-profitti u t-telf tiegħu stess fil-każijiet li ġejjin:
- (i) I-emittent għandu parteċipazzjoni diretta jew indiretta fin-negozju jew I-impriża konġunta, u I-valur tal-kotba (jew il-valur tax-xiri f'każ ta' akkwist riċenti li I-valur tal-kotba tiegħu għadu mhux rifless fl-informazzjoni finanzjarja storika I-aktar reċenti) ta' dik il-parteċipazzjoni jirrappreżenta tal-anqas 10 % tal-assi netti tal-emittent, jew I-imgħax jiġġenera tal-anqas 10 % tal-profitt jew it-telf nett tal-emittent fl-aħħar tal-perjodu ta' rappurtar I-aktar riċenti; jew
  - (ii) fejn I-emittent ikun il-ġenitħ ta' grupp u I-emittent għandu parteċipazzjoni diretta jew indiretta fin-negozju jew I-impriża konġunta, u I-valur tal-kotba ta' dik il-parteċipazzjoni jirrappreżenta tal-anqas 10 % tal-assi netti konsolidati tal-grupp, jew il-parteċipazzjoni tiġġenera tal-anqas 10 % tal-profitt jew it-telf nett konsolidat tal-grupp.
222. Fir-rigward ta' parteċipazzjonijiet li fihom I-emittent ikollu tal-anqas 10 % tal-kapital, għandhom jiġu żvelati I-punti (i) u (ii) tal-paragrafu 218. Sakemm I-ommissjoni ta' dik I-informazzjoni x'aktarx li ma tqarraqx lill-investituri fit-twettiq ta' valutazzjoni infurmata tal-assi, I-obbligazzjonijiet, il-pożizzjoni finanzjarja, il-profitti u t-telf u I-prospetti tal-emittent jew tal-grupp tiegħu jew tad-drittijiet marbuta mat-titoli.
223. Il-persuni responsabbli mill-prospett jistgħu jħallu barra I-punti (iii) u (v) tal-paragrafu 218 jekk in-negozju jew I-impriża konġunta ma jippubblikawx il-kontijiet annwali tagħhom.

## V.18. Interess ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi involuti fil-ħruġ / fl-offerta

### Interessi

L-Artikolu 12 (I-Anness 11, il-Partita 3.3), I-Artikolu 13 (I-Anness 12, il-Partita 3.1), I-Artikolu 14 (I-Anness 13, il-Partita 5.2), I-Artikolu 15 (I-Anness 14, il-Partita 3.1), I-Artikolu 16 (I-Anness 15, il-Partita 3.1), I-Artikolu 17 (I-Anness 16, il-Partita 3.1), I-Artikolu 30 (I-Anness 26, il-Partita 1.6) u I-Artikolu 31 (I-Anness 27, il-Partita 1.6) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni.

224. **Linja Gwida 48:** Għall-iżvelar tal-interessi fil-prospett, il-persuni responsabbli mill-prospett għandhom jikkunsidraw il-partijiet involuti fil-ħruġ jew l-offerta u n-natura tal-interessi tagħhom, u b'mod partikolari kwalunkwe kunflitt ta' interess.
225. Pereżempju, meta jinkludu l-iżvelar ta' interessi, il-persuni responsabbli mill-prospett għandhom jikkunsidraw il-partijiet bħal konsulenti, intermedjarji finanzjarji u esperti (anke jekk l-ebda dikjarazzjoni prodotta minn espert(i) ma tīgi inkluża fil-prospett).
226. Meta jikkunsidraw in-natura tal-interessi, il-persuni responsabbli mill-prospett għandhom jikkunsidraw jekk il-partijiet involuti fil-ħruġ jew l-offerta għandhomx titoli ta' ekwità tal-emittent, jew titoli ta' ekwità ta' kwalunkwe kumpanija sussidjarja tal-emittent, jew għandhomx interess ekonomiku dirett jew indirett li jiddependi mis-suċċess tal-ħruġ, jew għandhomx xi fehim jew arranġament mal-azzjonisti maġġuri tal-emittent.

## V.19. Impriżi ta' investiment kollettiv

### Strateġija ta' investiment

L-Artikolu 5 (I-Anness 4, il-Partita 1.1(a) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni.

227. **Linja Gwida 49:** Fejn il-persuni responsabbli mill-prospett jinkludu deskrizzjoni tal-istratēġija tal-investiment fil-prospett, dawn għandhom jipprovdu informazzjoni dwar il-metodoloġija li għandha tintuża fit-twettiq ta' dik l-istratēġija u jindikaw jekk il-maniġer tal-investiment għandux l-intenzjoni li japplika strateġija attiva jew passiva.
228. L-informazzjoni għandha tispeċifika, pereżempju, jekk l-istratēġija tal-investiment hijex se tkun qed tiffoka fuq opportunitajiet ta' tkabbir jew jekk l-intenzjoni hijex li jiġu mmirrat kumpaniji maturi li qed iħallsu dividendi regolari.

### Deskrizzjoni tal-assi

L-Artikolu 5 (I-Anness 4, il-Partita 1.1(c)) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni.

229. **Linja Gwida 50:** Meta l-persuni responsabbli mill-prospett jinkludu deskrizzjoni tat-tipi ta' assi li fihom l-impriża ta' investiment kollettiv tista' tinvesti, għandhom jipprovdu tal-anqas l-informazzjoni li ġejja rigward il-portafoll ta' investiment:

- (i) iż-żoni ġeografiċi tal-investment;
- (ii) is-setturi tal-industrija;
- (iii) il-kapitalizzazzjoni tas-suq;
- (iv) il-klassifikazzjonijiet ta' kreditu / gradi ta' investment; u
- (v) jekk l-assi humiex ammessi għall-kummerċ f-suq irregolat.

#### Tranżazzjonijiet ta' finanzjament tat-titoli (SFTs)

*L-Artikolu 5 (l-Anness 4, il-Partita 2.8) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni.*

**230. Linja Gwida 51: Meta impriża ta' investiment kollettiv tuża I-SFTs u swaps tar-redditu totali, għajr għall-finijiet ta' ġestjoni effiċjenti tal-portafoll, il-persuni responsabbli mill-prospett għandhom jipprovdu l-informazzjoni li ġejja fil-prospett:**

- (i) id-deskrizzjoni ġeneral;
- (ii) il-kriterji użati biex jintgħażlu l-kontropartijiet;
- (iii) il-kollateral aċċettabbli;
- (iv) ir-riskji; u
- (v) Il-kustodja u ż-żamma sikura.

231. L-elementi ta' informazzjoni msemmija huma allinjati mar-rekiżi ta' informazzjoni fl-Anness (Taqsima B) għar-Regolament dwar I-SFT. Għaldaqstant, it-termini “tranżazzjonijiet ta' finanzjament tat-titoli” u “swap tar-redditu totali” għandhom jinftiehu li għandhom it-tifsiriet stabbiliti fl-Artikoli 3(11) u 3(18) ta' dak ir-Regolament.

232. Deskrizzjoni ġeneral: Din għandha tipprovd deskrizzjoni ġenerali tal-SFTs u tas-swap tar-redditu totali, inkluż ir-raġunament għall-użu tagħhom. Għal kull tip ta' SFT u swap tar-redditu totali, din l-informazzjoni għandha tkopri:

- (i) it-tipi ta' assi li jistgħu jiġu soġġetti għalihom; u
- (ii) l-proporzjon massimu tal-assi taħbi ġestjoni li jistgħu jkunu soġġetti għalihom, u l-proporzjon mistenni ta' assi taħbi ġestjoni li għandhom ikunu soġġetti għal kull wieħed minnħom.

233. Kriterji użati biex jintgħażlu l-kontropartijiet: Dan għandu jinkludi informazzjoni dwar il-kriterji applikati mill-emittent biex jagħżel l-kontropartijiet, inkluż l-i-status legali, il-pajjiż ta' oriġini u l-klassifikazzjoni tal-kreditu minima.

234. **Kollateral aċċettabbli:** Din l-informazzjoni għandha tkopri t-tipi ta' assi, l-emittent, il-maturità, il-likwidità kif ukoll id-diversifikazzjoni tal-kollateral u l-politiki ta' korrelazzjoni.
235. **Riskji:** Dan għandu jinkludi deskrizzjoni tar-riskji marbuta mal-SFTs u s-swaps tar-redditu totali kif ukoll riskji marbuta mal-ġestjoni tal-kollateral u, fejn applikabbli, li irriżultaw mill-użu mill-ġdid tagħha. L-iżvelar jista' jkun relatati ma' riskji operattivi, ta' likwidità, ta' kontroparti, ta' kustodja u / jew legali.
236. **Kustodja u żamma sikura:** Dan għandu jinkludi speċifikazzjoni ta' kif l-assi soġġetti għal SFTs u s-swaps tar-redditu totali u l-kollateral riċevuti jinżammu sikuri (eż. ma' kustodju tal-fond).

#### Indiċi fuq bażi wiesgħa

*L-Artikolu 5 (l-Anness 4, il-Partita 2.10) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni.*

237. **Linja Gwida 52: Il-persuni responsabbi mill-prospett għandhom jikkunsidraw indiċi ppubblikat fuq bażi wiesgħa u rikonoxxut bħala wieħed li jkollu l-karatteristiċi li ġejjin:**

  - (i) iddiversifikat b'mod adegwat u rappreżentattiv tas-suq li jirreferi għali;
  - (ii) ikalkulat bi frekwenza suffiċjenti biex jiġu żgurati prezziżiet u informazzjoni xierqa u f'waqthom dwar il-kostitwenti tal-indiċi;
  - (iii) ippubblikat b'mod wiesa' biex jiġi żgurat it-tixrid tiegħu lill-bażi ta' utenti / investituri rilevanti; u
  - (iv) kkumpilat u kkalkulat minn parti indipendentni tal-impriża ta' investiment kollettiv u disponibbli għal skopijiet oħra għajr il-kalkolu tar-redditu tal-impriża ta' investiment kollettiv.

#### Tariffi

*L-Artikolu 5 (l-Anness 4, il-Punt 3.2) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni.*

238. **Linja Gwida 53: Meta qed jirreferu għat-tariffi, flimkien mat-tariffi mħallsa lill-fornituri tas-servizzi, il-persuni responsabbi mill-prospett għandhom jikkunsidraw il-partiti mhux eżawrjenti li ġejjin:**

  - (i) tariffei tas-sottoskrizzjoni;
  - (ii) tariffei tat-tifdija;
  - (iii) tariffei tad-distribuzzjoni;
  - (iv) tariffei tat-tqegħid;
  - (v) tariffei tal-ġestjoni varjabbli;

**(vi) tariffi assoċjati ma' bidliet fil-kompożizzjoni tal-portafoll:**

- (1) tariffi tat-tranżazzjoni;**
- (2) tariffi tas-servizzi tas-senserija;**
- (3) tariffi tar-reklamar; u**
- (4) tariffi tal-konformità u tar-rappurtar.**

239. **Tariffi tas-sottoskrizzjoni u tariffi tat-tifdija:** Dawn l-elementi jkunu relatati maż-żewġ tariffi li huma garantiti mill-impriża ta' investimenti kollettiv jew negozjablli.
240. **Tariffi tal-ġestjoni varjablli:** Dawn l-elementi jistgħu pereżempju jkunu relatati ma' tariffi tal-prestazzjoni.
241. **Tariffi assoċjati ma' bidliet fil-kompożizzjoni tal-portafoll:** Dawn huma tariffi li b'mod individwali jistgħu jidhru immaterjali iżda jistgħu jkunu materjali meta jinġabru flimkien.

**L-istatus regolatorju tal-maniġer tal-investiment**

*L-Artikolu 5 (l-Anness 4, il-Punt 4.1) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni.*

242. **Linja Gwida 54: Meta jkunu qed jipprovdu deskrizzjoni tal-istatus regolatorju tal-maniġer tal-investiment, il-persuni responsabbi mill-prospett għandhom jipprovdu l-isem tal-awtorità regolatorja li biha huwa rregolat il-maniġer tal-investiment jew, jekk il-maniġer tal-investiment ma jkunx regolat, dikjarazzjoni negattiva.**
243. Ir-referenza għall-awtorità regolatorja ma għandhiex toħloq l-impressjoni li l-investiment huwa b'xi mod approvat jew garantit minn tali awtorità.

**L-esperjenza tal-maniġer tal-investiment**

*L-Artikolu 5 (l-Anness 4, il-Punt 4.1) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni.*

244. **Linja Gwida 55: Meta jkunu qed jipprovdu deskrizzjoni tal-esperjenza tal-maniġer tal-investiment, il-persuni responsabbi mill-prospett għandhom jipprovdu l-informazzjoni li ġejja fil-prospett:**
- (i) l-indikazzjoni tan-numru ta' fondi (inklużi sottofondi) li l-maniġer tal-investiment qed jiġġestixxi taħt delegazzjoni;**
  - (ii) ir-rilevanza tal-esperjenza tal-maniġer tal-investiment għall-objettiv tal-investiment tal-impriża ta' investiment kollettiv; u**
  - (iii) jekk materjali għall-valutazzjoni tal-investituri tal-maniġer tal-investiment, l-esperjenza tal-persunal spċifiku li se jkun involut fil-ġestjoni tal-investiment tal-impriża ta' investiment kollettiv.**

### Id-deskrizzjoni tal-entità responsabbi mill-pariri

*L-Artikolu 5 (I-Anness 4, il-Punt 4.2) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni.*

**245. Linja Gwida 56:** Meta jkunu qed jipprovdu deskrizzjoni qasira tal-entità li tipprovdi pariri dwar l-investiment, il-persuni responsabbi mill-prospett għandhom jinkludu l-informazzjoni li ġejja fil-prospett:

- (i) l-indirizz;
- (ii) il-pajjiż ta' inkorporazzjoni
- (iii) il-forma legali;
- (iv) l-istatus regolatorju;
- (v) in-natura tan-negozju tal-entità; u
- (vi) l-informazzjoni dwar l-esperjenza tal-entità

246. Informazzjoni dwar l-esperienza tal-entità: B'rabta ma' dan l-element, il-persuni responsabbi mill-prospett għandhom jipprovdu informazzjoni dwar in-numru ta' fondi li fir-rigward tagħhom attwalment qed jingħataw, jew preċedentement ingħataw, il-pariri. Dawn għandhom jispiegaw ukoll ir-rilevanza tal-esperienza għall-objettiv ta' investiment tal-impriża ta' investiment kollettiv.

### L-analiżi tal-portafoll

*L-Artikolu 5 (I-Anness 4, il-Punt 8.2) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni.*

**247. Linja Gwida 57:** Meta qed jipprovdu analiżi komprensiva u sinifikanti, f'konformità mal-Punt 8.2 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni, il-persuni responsabbi mill-prospett għandhom jinkludu l-informazzjoni li ġejja fil-prospett fejn din tkun materjal għall-valutazzjoni tal-portafoll ta' investiment:

- (i) id-dettalji tal-istrumenti ewlenin li fihom l-impriża ta' investiment kollettiv tkun qed tinnegozja, inkluż it-tqassim ta' strumenti finanzjarji, u l-fokus ġeografiku u settorjali tagħha;
- (ii) l-analiżi bejn ishma ta' ekwità, titoli konvertibbli, titoli ta' dħul fiss, tipi jew kategoriji ta' prodotti derivattivi, muniti u investimenti oħra, li tiddistingwi bejn titoli li huma kkwotati u mhux ikkwotati u nneqozjati f'suq regolat jew barra minnu fil-każ ta' derivattivi; u
- (iii) l-analiżi skont it-tip ta' munita li tiddikjara l-valur tas-suq ta' kull taqsima tal-portafoll.